RAPPORT SPEĊJALI 23/2025 MT

# L-immaniġġjar tal-iskart muniċipali

Minkejja titjib gradwali, għad hemm sfidi għall-progress tal-UE lejn iċ-ċirkolarità



CURIA RATIONUM

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

# Werrej

Paragrafu


01–19 | **Messaġġi prinċipali** 01

01–04 | **Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?**

05–19 | **X'sibna u x'nirrakkomandaw**

20–107 | **Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna** 02

20–63 | **Il-Kummissjoni saħħet il-miri u rekwiżiti legali oħra, iżda bdiet tard il-proċedimenti ta' ksur rigward il-miri tal-iskart li ma ntlaħqux**

25–35 | Il-Kummissjoni pproponiet miri bbażati fuq raġunament robust

36–53 | Il-Kummissjoni gradwalment saħħet ir-rekwiżiti legali għall-iskart muniċipali, iżda għad hemm sfidi fis-suq tar-riċiklaġġ

54–63 | Il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjonijiet pertinenti lill-Istati Membri, iżda l-infurzar tagħha rigward il-miri tal-iskart li ma ntlaħqux kien affettwat minn problemi fil-kompożizzjoni tal-persunal u dewmien

64–100 | **L-Istati Membri inklużi fil-kampjun qed jagħmlu progress bil-mod minħabba finanzjament pubbliku insuffiċjenti u nuqqas ta' kapaċità li jużaw bis-sħiħ l-istrumenti ekonomiċi**

70–79 | Il-pjanijiet nazzjonali għall-immaniġġjar tal-iskart tal-Istati Membri inklużi fil-kampjun jistmaw b'mod insuffiċjenti l-ħtiġijiet tal-infrastruttura u ma għandhomx dettalji dwar id-disponibbiltà mistennija tal-finanzjament

80–85 | Minkejja li sar progress fil-ġbir separat, dan għadu f'livell baxx ħafna fi tlieta mill-erba' Stati Membri inklużi fil-kampjun

86–100 | L-Istati Membri inklużi fil-kampjun għamlu progress limitat bl-istrumenti ekonomiċi

101–107 | **Il-biċċa l-kbira mill-proġetti li inkludejna fil-kampjun kellhom dewmien u xi wħud esperjenzaw problemi marbuta mal-kostijiet u mal-kapaċità**

## Annessi

Anness I – Dwar l-awditu

Anness II – Il-progress tal-Istati Membri lejn it-tliet miri prinċipali tal-iskart muniċipali

Anness III – Kumparabbiltà tad-*data* relatata mal-iskart

Anness IV – Bażi legali tal-UE: miżuri li jindirizzaw il-ġenerazzjoni u l-ġbir separat tal-iskart

Anness V – Materjali riċiklabbli rkuprati u l-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom

Anness VI – Finanzjament tal-politika ta' koeżjoni

Anness VII – L-immaniġġjar tal-iskart: partijiet ikkonċernati prinċipali u flussi finanzjarji

## Abbrevjazzjonijiet

## Glossarju

## Risposti tal-Kummissjoni

_tocEntryIHHCRbO4BK6tzRNJCztBo3**Kronoloġija**

## Tim tal-awditjar

# 01 Messaġġi prinċipali

## Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?

01 L-iskart mill-unitajiet domestiċi, u skart magħmul b'mod simili minn uffiċċji, ħwienet u sorsi oħra – "skart muniċipali" – jirrappreżenta 27 % tal-iskart totali ġġenerat fl-UE. L-immaniġġjar tal-iskart muniċipali huwa ta' sfida minħabba l-kompożizzjoni varjata tiegħu, il-prossimità fiżika għan-nies, u l-impatti ambjentali u fuq is-saħħa. Il-materjali tal-imballaġġ jirrappreżentaw proporzjon sinifikanti tal-iskart muniċipali, flimkien mal-bijoskart, bħall-iskart bijodegradabbli mill-ġonna u mill-parks, l-iskart tal-ikel u dak tal-kċina. Għad-dettalji ara l-*Figura 1*.

### Figura 1 | Tipi ta' skart muniċipali, skont il-piż




*Nota:* il-perċentwali huma bbażati fuq l-iskart totali ġġenerat, u jeskludu l-iskart minerali.

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-Briefing 02/2022 u tas-settijiet tad-*data* tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

02 L-immaniġġjar effettiv tal-iskart muniċipali jirrikjedi l-ġbir separat, u organizzat sew, ta' diversi materjali (eż. il-ħġieġ u l-karti/kartun imorru f'kontenituri separati), infrastruttura xierqa għas-separazzjoni, it-trattament, l-inċinerazzjoni u/jew landfill, u suq vijabbli għall-output riċiklat. Il-parteċipazzjoni attiva fis-separazzjoni tal-iskart min-naħa taċ-ċittadini u tan-negozji hija kruċjali biex jinkisbu materjali riċiklabbli ta' kwalità għolja.

03 L-għan għal żmien twil tal-UE huwa li ssir tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, fejn l-iskart jinżamm għal minimu, u l-iskart inevitabbli – kemm jista' jkun – jintuża bħala riżorsa. Għal dan l-għan, l-UE tistabbilixxi miri għall-Istati Membri biex jaraw li ċertu sehem tal-iskart muniċipali żgur jiġi ppreparat biex jintuża mill-ġdid u jiġi riċiklat, u li l-iskart mill-imballaġġ jiġi riċiklat. Hija tistabbilixxi wkoll limitu fil-mira għall-ammont ta' skart muniċipali li jista' jintbagħat f'landfill.

04 Nistennew li l-osservazzjonijiet tagħna jkunu utli għall-Kummissjoni meta tiġi biex tirrieżamina xi wħud mill-miri tal-iskart muniċipali. L-objettiv tal-awditu kien li jivvaluta l-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri biex jintlaħqu l-objettivi tal-UE għall-iskart muniċipali. Ivvalutajna jekk: (i) l-inizjattivi legali u l-infurzar imwettqa mill-Kummissjoni kinux adatti għall-iskop tagħhom; (ii) l-erba' Stati Membri inklużi fil-kampjun (il-Greċja, il-Polonja, il-Portugall u r-Rumanija) għamlux progress tajjeb fl-ilħuq tal-miri u tal-objettivi tal-UE dwar l-iskart; u (iii) jekk is-16-il proġett inklużi fil-kampjun f'dawn l-erba' Stati Membri – kofinanzjati mill-fondi tal-UE – ġewx implimentati tajjeb f'termini ta' żmien, kost u kapaċità. L-awditu li wettaqna kopra l-perjodu mill-2014 sal-2024. Għal aktar informazzjoni ġenerali u dettalji dwar l-ambitu u l-approċċ tal-awditjar, ara l-*__Anness I__*.

# X'sibna u x'nirrakkomandaw

05 B'mod ġenerali, aħna nikkonkludu li l-Kummissjoni saħħet il-miri u r-rekwiżiti legali l-oħra għall-immaniġġjar tal-iskart muniċipali. Madankollu, ħafna Stati Membri jħabbtu wiċċhom ma' sfidi fil-progress tagħhom lejn iċ-ċirkolarità, l-aktar minħabba restrizzjonijiet finanzjarji u dgħufijiet fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni.

## Il-Kummissjoni saħħet il-miri u rekwiżiti legali oħra, iżda bdiet tard il-proċedimenti ta' ksur rigward il-miri tal-iskart li ma ntlaħqux

**06** Mill-1975 'il hawn, meta l-UE stabbiliet għall-ewwel darba l-politika tagħha dwar l-iskart, il-fokus leġiżlattiv inbidel gradwalment mil-landfill għall-inċinerazzjoni, l-irkupru u mbagħad il-preparazzjoni għal użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ. Il-miri għall-immaniġġjar tal-iskart muniċipali ġew imsaħħa u żdiedu fl-għadd, b'mod partikolari permezz tal-emendi tal-2018 ta' tliet direttivi ewlenin: id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ u d-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills (il-paragrafi ***25*** u ***26***).

**07** Għalkemm xi Stati Membri għamlu progress sinifikanti lejn l-ilħuq tal-miri, oħrajn urew biss progress moderat, u ftit minnhom bilkemm għamlu progress jew ma għamlu l-ebda progress. Ninnutaw ukoll li l-ġenerazzjoni tal-iskart fil-biċċa l-kbira tagħha għadha qed tikber flimkien maż-żidiet fil-prodott domestiku gross, għalkemm f'livell inqas; id-diżakkoppjament tat-tnejn huwa l-għan aħħari tal-miżuri għall-prevenzjoni tal-iskart li l-Istati Membri jeħtiġilhom jimplimentaw (il-paragrafi ***27***–***28*** u ***40***).

**08** Huwa diffiċli li jiġi stabbilit jekk id-diffikultajiet ta' ċerti Stati Membri biex jilħqu l-miri humiex dovuti għall-għadd u/jew l-ambizzjoni tal-miri, nuqqas ta' azzjoni effettiva mill-Istati Membri, jew possibbilment taħlita tat-tnejn (il-paragrafu ***29***).

**09** Il-bidla msemmija hawn fuq fil-fokus tal-politika (il-paragrafu ***06***) kienet riflessa wkoll fir-regoli li jirregolaw il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, li ilhom sors ewlieni ta' finanzjament għal Stati Membri u reġjuni inqas żviluppati. Ir-regoli ta' finanzjament għall-perjodu 2021–2027 jeskludu l-biċċa l-kbira mill-investimenti fil-landfills u fil-faċilitajiet tat-trattament tal-iskart residwu. Dan jirrifletti l-enfasi tal-ġerarkija tal-iskart fuq livelli ogħla bħall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ (il-paragrafu ***36***).

10 Flimkien mal-miri, id-dritt tal-UE gradwalment saħħaħ rekwiżiti legali oħra għall-Istati Membri fil-qasam tal-iskart muniċipali (il-paragrafi *37*–*39* u *41*–*48*), li l-aktar sinifikanti minnhom huma:

— jiżdied il-kontenut tal-pjanijiet nazzjonali u/jew reġjonali għall-immaniġġjar tal-iskart (eż. jenħtieġ li jinkludi valutazzjoni tal-iskemi eżistenti għall-ġbir tal-iskart);

— tiġi introdotta kundizzjoni li għandha tiġi ssodisfata qabel ma jiġi riċevut rimborż mill-Kummissjoni għan-nefqa mġarrba fuq proġetti li jkunu ġew kofinanzjati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni. L-Istati Membri jeħtiġilhom juru li għandhom pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart aġġornati li jikkonformaw mad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart;

— jintalab l-użu ta' strumenti ekonomiċi, bħal strumenti finanzjarji biex jinċentivaw jew jiddiżinċentivaw ċerta mġiba (eż. taxxi fuq il-landfills jew skemi ta' rifużjoni tad-depożitu);

— jiżdiedu l-flussi tal-iskart li għalihom huwa meħtieġ ġbir separat.

11 Matul l-aħħar 5 snin, il-Kummissjoni ħarġet ukoll proposti leġiżlattivi biex tindirizza l-problema tal-iskart minn perspettiva ta' produzzjoni, jiġifieri li tiffoka fuq id-disinn tal-prodott. Madankollu, dan se jieħu ż-żmien qabel ma jkunu jistgħu jiġu osservati riżultati sostanzjali (il-paragrafu *49*).

12 Sfida prinċipali fit-triq lejn ekonomija ċirkolari hija l-vijabbiltà tal-industrija tar-riċiklaġġ. Il-miri tar-riċiklaġġ jistgħu jintlaħqu biss jekk tkun teżisti infrastruttura tar-riċiklaġġ u jkun hemm użu u suq għall-output riċiklat. Madankollu, il-faċilitajiet tar-riċiklaġġ huma skarsi f'xi Stati Membri, filwaqt li f'oħrajn, xi faċilitajiet eżistenti – b'mod partikolari dawk li jittrattaw il-plastik – huma f'riskju li jingħalqu minħabba żieda fil-kostijiet, nuqqas ta' domanda fl-UE għall-output tagħhom, u importazzjonijiet ta' plastik riċiklat u verġni irħas minn barra l-UE. Ninnutaw li l-Kummissjoni ħabbret Att ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari li għandu jiġi adottat fl-2026 bl-għan li jiġu indirizzati l-problemi tas-suq u tad-domanda (il-paragrafi *50*–*53*).

## Rakkomandazzjoni 1

### Tindirizza l-isfidi fis-suq tar-riċiklaġġ

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu miżuri biex tagħmel il-prattiki tal-ekonomija ċirkolari fl-UE (bħar-riċiklaġġ tal-materjali) aktar ekonomikament vijabbli. Dan jinkludi l-għoti ta' argument għall-vijabbiltà għar-riċiklaturi. Biex tagħmel dan, jenħtieġ li tidentifika l-isfidi min-naħa tad-domanda u tal-provvista li jaffettwaw is-suq uniku għall-prodotti ċirkolari u l-materja prima sekondarja.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: ir-raba' trimestru tal-2026.**

13 Sabiex timmonitorja u tivvaluta l-progress tal-Istati Membri, il-Kummissjoni użat għodod differenti, bħal rapporti ta' twissija bikrija, valutazzjonijiet tal-impatt u proċeduri ta' "promozzjoni tal-konformità". Dawn ippermettew li l-Kummissjoni tikseb fehim profond tal-problemi inkwistjoni, u tibgħat rakkomandazzjonijiet pertinenti lill-Istati Membri. Madankollu, minħabba problemi fil-kompożizzjoni tal-persunal, il-Kummissjoni:

— ma wettqet l-ebda żjara fl-Istati Membri għal aktar minn 10 snin sabiex tħeġġeġ lill-Istati Membri lejn konformità aktar rapida mad-dritt tal-UE ("promozzjoni tal-konformità"); u

— tilfet l-opportunità li titlob aġġustamenti għall-pjanijiet ta' implimentazzjoni riveduti ppreżentati mill-Istati Membri li pprovdew notifika bl-intenzjoni tagħhom li jipposponu d-dati ta' skadenza għall-ilħuq ta' ċerti miri. Dan kien minħabba li l-Kummissjoni ma rnexxilhiex tirrieżamina l-pjanijiet riveduti sad-dati ta' skadenza meħtieġa (il-paragrafi *56*–*58*).

14 Barra minn hekk, il-Kummissjoni bdiet ċerti proċedimenti ta' ksur b'dewmien sinifikanti: għall-miri li kellhom jintlaħqu fl-2008, hija bdiet il-proċedimenti biss f'Lulju 2024. Permezz tal-istess proċedimenti, indirizzat ukoll il-miri li għandhom jintlaħqu fl-2020 (il-paragrafi *59*–*63*).

### Rakkomandazzjoni 2

**Tuża aħjar l-għodod ta' monitoraġġ u infurzar**

Jenħtieġ li l-Kummissjoni talloka biżżejjed riżorsi bil-ħsieb li:

(a) tibda proċedimenti ta' ksur b'mod f'waqtu, biex b'hekk tara li żgur ikun hemm deterrenza u tħeġġeġ il-progress. Filwaqt li tiġi rikonoxxuta s-setgħa ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni biex tiddeċiedi jekk u meta tibda proċedura ta' ksur, jenħtieġ li deċiżjonijiet ta' dan it-tip ikunu bbażati fuq kriterji sostantivi u bbażati fuq il-kontenut;

(b) twettaq żjarat fl-Istati Membri, abbażi tal-konklużjonijiet tar-rapporti ta' twissija bikrija u/jew l-istat ta' implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart u l-programmi għall-prevenzjoni tal-iskart, biex tħeġġiġhom jagħmlu aktar progress fil-konformità mad-dritt tal-UE;

(c) twettaq valutazzjonijiet f'konformità mad-dati ta' skadenza stabbiliti mid-dritt tal-UE.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: (a) mill-ewwel trimestru tal-2028 għall-miri tal-2025; (b) u (c) ir-raba' trimestru tal-2026.**

## L-Istati Membri inklużi fil-kampjun qed jagħmlu progress bil-mod minħabba finanzjament pubbliku insuffiċjenti u nuqqas ta' kapaċità li jużaw bis-sħiħ l-istrumenti ekonomiċi

15 Filwaqt li l-miri tal-iskart muniċipali jridu jintlaħqu fil-livell nazzjonali, il-politika dwar l-iskart tiġi implimentata fil-livell lokali – l-aktar mill-muniċipalitajiet individwali. Dan joħloq sfida addizzjonali biex jintlaħqu l-miri, speċjalment għall-Istati Membri li qed iħabbtu wiċċhom ma' problemi fil-kapaċità amministrattiva (il-paragrafu *67*).

16 Ir-rapport ta' twissija bikrija tal-2023 tal-Kummissjoni, li jivvaluta l-progress tal-Istati Membri lejn l-ilħuq tal-miri tal-iskart muniċipali, innota li ħafna Stati Membri jinsabu f'riskju li ma jilħqux waħda jew aktar mill-miri għall-2025 u għall-2035. Fil-każ tal-mira tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali, ir-rekwiżit li jintuża metodu aktar strett għar-rappurtar dwar il-grad ta' lħuq se jagħmilha saħansitra aktar diffiċli għal xi Stati Membri biex jilħqu din il-mira (il-paragrafi *64*–*66*).

17 L-erba' Stati Membri li awditjajna huma fost dawk f'riskju li ma jilħqux il-mira tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali għall-2025 u l-mira tar-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ għall-2025, bl-eċċezzjoni tal-Portugall fil-każ tal-aħħar. Ir-raġunijiet għal dan huma kif ġej:

— il-pjanijiet nazzjonali għall-immaniġġjar tal-iskart stmaw b'mod insuffiċjenti l-investiment meħtieġ fl-infrastruttura (il-paragrafi *71*–*72*);

— ma ġiex iċċarat kif u meta l-finanzjament meħtieġ se jkun disponibbli (il-paragrafi *73*–*75*);

— tnejn mill-erba' Stati Membri ma kinux użaw bis-sħiħ ir-riżorsi disponibbli għalihom mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE (il-paragrafu *78*);

— minkejja xi progress fl-organizzazzjoni tal-ġbir separat tal-iskart, dan baqa' f'livell baxx ħafna fi tlieta mill-erba' Stati Membri (il-paragrafi *82*–*85*);

— kien hemm xi progress, għalkemm mhux uniformi, bi strumenti ekonomiċi, bħall-implimentazzjoni ta' skemi ta' rifużjoni tad-depożitu, iż-żieda fit-taxxa fuq il-landfills u l-applikazzjoni ta' tariffa tal-iskart f'konformità mal-prinċipju ta' "ħallas skont kemm tarmi" (il-paragrafi *86*–*100*):

  — l-ammont tat-taxxa fuq il-landfills ivarja sinifikattivament bejn l-Istati Membri, u dan jista' jwassal biex l-iskart jiġi ttrasportat bil-baħar minn pajjiż għal pajjiż għal raġunijiet ekonomiċi;

  — it-tariffi tal-iskart imposti fuq iċ-ċittadini ma koprewx il-kostijiet kollha tal-immaniġġjar tal-iskart, u rari ġew ikkalkulati skont il-piż jew il-volum tal-iskart iġġenerat.

18 Għal ħafna minn dawn il-problemi, il-Kummissjoni kienet għamlet rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri, jew b'riżultat tal-proċedura ta' twissija bikrija tal-2018 jew dik tal-2023, jew b'riżultat tat-tnejn li huma (il-paragrafi *82*, *86*, *97*, *98* u *100*).

### Rakkomandazzjoni 3

**Tivvaluta l-fattibbiltà tal-armonizzazzjoni tat-taxxi fuq il-landfills u l-inċinerazzjoni fil-livell tal-UE**

Jeħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-kostijiet, il-benefiċċji u l-fattibbiltà tal-introduzzjoni u/jew l-armonizzazzjoni ta' taxxi xierqa fuq il-landfills u l-inċinerazzjoni madwar l-UE.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: ir-raba' trimestru tal-2026.**

## Il-biċċa l-kbira mill-proġetti li inkludejna fil-kampjun kellhom dewmien u xi wħud esperjenzaw problemi marbuta mal-kostijiet u mal-kapaċità

19 Fir-rigward tal-kampjun tagħna ta’ 16-il proġett kofinanzjati taħt il-politika ta’ koeżjoni, aħna sibna li:

— 13 (80 %) iffaċċjaw dewmien sinifikanti, li rriżulta fid-deterjorament tal-faċilitajiet u tat-tagħmir mhux użat f’xi każijiet;

— 4 (25 %) ġarrbu żidiet fil-kostijiet ta’ aktar minn 20 %;

— 3 mill-10 proġetti (30 %) li kienu ilhom joperaw għal żmien twil biżżejjed biex issir valutazzjoni tal-użu tal-kapaċità kienu qed joperaw taħt il-kapaċità, filwaqt li 2 minn 10 (20 %) ma kellhomx kapaċità suffiċjenti;

— 5 mit-8 proġetti (63 %) li kienu jinkludu investimenti għal sit ta’ landfill kienu għamlu provvedimenti suffiċjenti biex ikopru l-kostijiet tal-għeluq u tal-kura ta’ wara tas-sit għal perjodu ta’ mill-inqas 30 sena (il-paragrafi *102*–*107*).

02

# Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna

## Il-Kummissjoni saħħet il-miri u rekwiżiti legali oħra, iżda bdiet tard il-proċedimenti ta' ksur rigward il-miri tal-iskart li ma ntlaħqux

20 Mill-1975 'il hawn, il-Kummissjoni ħadet azzjoni biex tindirizza kif l-awtoritajiet nazzjonali u muniċipali jiġbru u jipproċessaw l-iskart. Għamlet il-finanzjament mill-UE disponibbli, b'mod partikolari għal Stati Membri u reġjuni inqas żviluppati, u introduċiet leġiżlazzjoni dwar il-problema. Fost affarijiet oħra, il-Kummissjoni wittiet it-triq fil-livell tal-UE billi stabbiliet miri. Jenħtieġ li l-miri jkunu bbażati fuq valutazzjoni bbażata fuq l-evidenza li tinkludi suppożizzjonijiet robusti, u jenħtieġ li jkunu ambizzjużi iżda realistiċi.

21 Il-miri attwali stabbiliti mid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart[1] ("id-Direttiva dwar l-Iskart") u mid-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ[2] ("id-Direttiva dwar l-Imballaġġ") ġew emendati t-tnejn li huma diversi drabi (il-***Figura 2***).

[1] Id-Direttiva 2008/98/KE.

[2] Id-Direttiva 94/62/KE.

## Figura 2 | Miri stabbiliti mid-Direttiva dwar l-Iskart u d-Direttiva dwar l-Imballaġġ

| | Id-Direttivi tal-**1994** u tal-**2004** dwar l-Imballaġġ | Id-Direttiva tal-**2004** dwar l-Imballaġġ | Id-Direttiva tal-**2008** dwar l-Iskart | Id-Direttiva dwar l-Iskart u d-Direttiva dwar l-Imballaġġ tal-**2018** | | Id-Direttiva tal-**2018** dwar l-Iskart |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Mhux aktar tard minn **tmiem Ġunju 2001** | Mhux aktar tard minn **tmiem l-2008** | Sa **tmiem l-2020** | Sa **tmiem l-2025** | Sa **tmiem l-2030** | Sa **tmiem l-2035** |
| Imballaġġ irkuprat jew inċinerat bl-irkupru tal-enerġija (skont il-piż) | **50 %** (minimu) sa **65 %** (massimu) | **60 %** (minimu) | | | | |
| Skart muniċipali ppreparat għall-użu mill-ġdid u riċiklat (skont il-piż) | | | **50 %*** (minimu) | **55 %** (minimu) | **60 %** (minimu) | **65 %** (minimu) |
| L-iskart mill-imballaġġ kollu riċiklat (skont il-piż) | **25 %** (minimu) sa **45 %** (massimu) | **55 %** (minimu) sa **80 %** (massimu) | | **65 %** (minimu) | **70 %** (minimu) | |
| Miri ta' riċiklaġġ speċifiċi għall-materjal (skont il-piż): | | | | | | |
| Plastik | | **22.5 %** (minimu) | | **50 %** (minimu) | **55 %** (minimu) | |
| Injam | | **15 %** (minimu) | | **25 %** (minimu) | **30 %** (minimu) | |
| Metalli tal-ħadid | | **50 %**** (minimu) | | **70 %** (minimu) | **80 %** (minimu) | |
| Aluminju (metall mhux tal-ħadid) | | | | **50 %** (minimu) | **60 %** (minimu) | |
| Ħġieġ | | **60 %** (minimu) | | **70 %** (minimu) | **75 %** (minimu) | |
| Karti u kartun | | **60 %** (minimu) | | **75 %** (minimu) | **85 %** (minimu) | |

* Il-mira għall-2020 kienet tikkonċerna biss ir-rata ta' riċiklaġġ għall-karti, il-metall, il-plastik u l-ħġieġ, filwaqt li l-miri suċċessivi (għall-2025, l-2030, l-2035) jirreferu għall-iskart muniċipali kollu.
** Il-mira għall-2008 kienet tikkonċerna l-metalli kollha, filwaqt li l-miri aktar tard (għall-2025 u l-2030) jirreferu għall-metalli tal-ħadid u l-aluminju bħala miri separati.

*Sors:* il-QEA, abbażi tad-Direttiva dwar l-Iskart u d-Direttiva dwar l-Imballaġġ.

**22** Il-miri stabbiliti mid-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills[3] huma spjegati fid-dettall fil-*Figura 3*.

## Figura 3 | Miri stabbiliti mid-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills

| | Id-Direttiva tal-**1999** dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills | | | Id-Direttiva tal-**2018** dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills |
|---|---|---|---|---|
| | Sas-16 ta' Lulju **2006** | Sas-16 ta' Lulju **2009** | Sas-16 ta' Lulju **2016** | Sal-**2035** |
| Sehem ta' skart muniċipali bijodegradabbli li jintrema f'landfill *(mill-ammont totali (skont il-piż) ta' skart muniċipali bijodegradabbli prodott fl-1995 jew l-aktar sena reċenti qabel l-1995 li għaliha hemm disponibbli data standardizzata tal-Eurostat)* | **75 %** (massimu) | **50 %** (massimu) | **35 %** (massimu) | |
| Landfill *(bħala % tal-iskart muniċipali kollu ġġenerat, skont il-piż)* | | | | **10 %** (massimu) |

*Sors:* il-QEA, abbażi tad-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills.

**23** Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-applikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-UE b'mod effettiv[4]. Biex jirnexxielha tagħmel dan, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib kif dawn il-liġijiet jiġu ppromulgati u applikati mill-Istati Membri, tindirizza kwalunkwe problema li tinqala' biex tirrimedja ksur legali possibbli u tibda proċedimenti ta' ksur xierqa fejn ikun meħtieġ.

**24** Ivvalutajna jekk l-inizjattivi legali u l-infurzar imwettqa mill-Kummissjoni kinux adatti għall-iskop tagħhom, b'mod partikolari jekk:

— il-Kummissjoni pproponietx miri bbażati fuq raġunament robust;

— l-atti legali inkludewx dispożizzjonijiet xierqa biex iħeġġu lill-Istati Membri jikkonformaw mal-miri u l-objettivi tal-UE;

— il-Kummissjoni kellhiex sistema ta' infurzar effettiva.

[3] Id-Direttiva 1999/31/KE.

[4] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2017/C 18/02).

## Il-Kummissjoni pproponiet miri bbażati fuq raġunament robust

**25** L-UE inizjalment stabbiliet miri għall-iskart mill-imballaġġ fl-1994 bid-Direttiva dwar l-Imballaġġ. Din ġiet segwita fl-1999 mid-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills, li stabbiliet miri għat-tnaqqis tal-ammont ta' skart bijodegradabbli f'landfill. Maż-żmien, il-leġiżlazzjoni tal-UE progressivament mexxiet il-fokus mit-tqegħid tal-iskart f'landfill għall-inċinerazzjoni u l-irkupru, u mbagħad għall-preparazzjoni għal użu mill-ġdid, u għar-riċiklaġġ. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni tal-UE espandiet mill-iskart mill-imballaġġ biex tkopri flussi oħra ta' skart, inkluż l-iskart muniċipali (jiġifieri l-iskart mill-unitajiet domestiċi u sorsi simili). Il-Kummissjoni bbażat l-azzjonijiet tagħha fuq analiżijiet robusti kif deskritt fil-qosor f'din it-taqsima.

**26** B'mod partikolari, ġie introdott titjib sinifikanti bir-reviżjonijiet tal-2018 tad-Direttiva dwar l-Iskart, id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u d-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills (ara l-aħħar tliet kolonni tal-***Figura 2***, u l-aħħar kolonna tal-***Figura 3***).

— Il-Kummissjoni bdiet il-proċess ta' reviżjoni fl-2014 billi ħarġet proposti leġiżlattivi biex temenda dawn it-tliet direttivi. Il-proposti tagħha fil-biċċa l-kbira kienu allinjati mal-valutazzjoni tal-impatt ibbażata fuq studju li kienet ikkummissjonat. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li l-miri stabbiliti fil-proposti kienu realistiċi.

— Madankollu, wara diskussjonijiet inizjali dwar il-proposti tal-Kummissjoni, il-Kunsill[5] appella għal miri realistiċi u li jistgħu jintlaħqu, u li jieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull Stat Membru, b'mod partikolari l-livelli differenti ta' prestazzjoni tagħhom.

— B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni rtirat il-proposti inizjali tagħha u ppreżentat proposti riveduti fi tmiem l-2015, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt aġġornata. B'mod ġenerali, il-miri proposti kienu inqas stretti u kellhom skedi ta' żmien itwal. B'riżultat tal-proċess leġiżlattiv, il-miri komplew isiru inqas stretti iżda xorta baqgħu aktar eżiġenti minn dawk tad-Direttivi fis-seħħ qabel l-2018 (it-***Tabella 1***).

---

[5] Stqarrija għall-istampa, 14510/14.

### Tabella 1 | Miri proposti u adottati (f'%)

| Miri | Data ta' skadenza | L-ewwel proposta tal-Kummissjoni | It-tieni proposta tal-Kummissjoni | Direttivi adottati fl-2018 |
|---|---|---|---|---|
| **Landfill**: mira inqas stretta u skeda ta' żmien itwal | 2020<br>2025<br>2030<br>2035 | 25<br><br>5<br> | <br><br>10<br> | <br><br><br>10 |
| **Skart muniċipali ppreparat għal użu mill-ġdid u riċiklat**: mira inqas stretta u skeda ta' żmien itwal | 2020<br>2025<br>2030<br>2035 | 50<br><br>70<br> | <br>60<br>65<br> | <br>55<br>60<br>65 |
| **Imballaġġ mill-iskart riċiklat**: mira inqas stretta | 2020<br>2025<br>2030 | 60<br>70<br>80 | 65<br><br>70 | 50<br>65<br>70 |

**27** Fl-2014, meta ġiet ippreżentata l-ewwel valutazzjoni tal-impatt, il-maġġoranza (79 %) tal-Istati Membri kkonformaw mal-mira tal-2008 tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ ("skart mill-imballaġġ riċiklat"). Il-Kumitat tar-Reġjuni kkummenta dwar il-proposta tal-Kummissjoni tal-2014 li "*ir-riżultati pożittivi miksuba f'xi Stati Membri juru wkoll li huwa possibbli li jintlaħqu miri ambizzjużi, jew għall-inqas nersqu viċin tagħhom, sakemm il-kundizzjonijiet ikunu favorevoli u tiġi żviluppata l-kapaċità amministrattiva meħtieġa fejn din għadha ma teżistix*"[6]. Tabilħaqq, minħabba l-għadd ta' miri, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jkollhom strutturi organizzattivi effettivi u riżorsi finanzjarji suffiċjenti. L-analiżi li wettaqna tal-progress li sar mill-2010 sal-2022 (l-***Anness II***) tikkonferma d-dikjarazzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni li huwa possibbli li jintlaħqu jew li kważi jintlaħqu miri ambizzjużi.

— Xi Stati Membri kienu għamlu progress sinifikanti, filwaqt li oħrajn kienu għamlu biss progress moderat, u ftit minnhom kienu bilkemm għamlu progress jew ma kienu għamlu l-ebda progress.

— Fost dawk li għadhom lura kien hemm il-Greċja, Ċipru, Malta u r-Rumanija għall-biċċa l-kbira mill-miri (jiġifieri għal "landfill", "skart muniċipali ppreparat għal użu mill-ġdid u riċiklat", u "skart mill-imballaġġ riċiklat"). Għall-Greċja u r-Rumanija, sibna li kien hemm dewmien fl-implimentazzjoni ta' proġetti u ġeneralment fl-implimentazzjoni ta' miżuri biex jiġi indirizzat l-iskart (il-paragrafi ***70–78*** u ***102–107***).

6 L-Opinjoni 2015/C 140/08.

28 Il-valutazzjoni tal-impatt[7] maħruġa mill-Kummissjoni bħala parti mill-proposta tagħha tal-2022 biex tiġi emendata d-Direttiva dwar l-Imballaġġ ikkonkludiet li l-miżuri meħuda mill-Istati Membri abbażi ta' diversi direttivi ma kinux *biżżejjed biex dawn żgur jilħqu l-miri speċifiċi kollha għar-rati ta' riċiklaġġ stabbiliti fid-Direttiva dwar l-Imballaġġ. Barra minn hekk, hemm potenzjal sinifikanti biex jittejjeb ir-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ anke fl-Istati Membri li se jilħqu mill-inqas uħud mill-miri ta' riċiklaġġ stabbiliti.* Għalhekk, il-Kummissjoni ipproponiet li d-direttiva tinbidel f'regolament. Ir-Regolament dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ[8] ("ir-Regolament dwar l-Imballaġġ") ġie adottat fl-2025.

29 Għadu diffiċli li jiġi stabbilit jekk id-diffikultajiet ta' ċerti Stati Membri biex jilħqu l-miri humiex dovuti għall-għadd u/jew l-ambizzjoni tal-miri, nuqqas ta' azzjoni effettiva mill-Istati Membri, jew possibbilment taħlita tat-tnejn.

30 Id-dritt tal-UE għamel ukoll konċessjonijiet biex jiffaċilita l-ilħuq tal-miri. L-ewwel konċessjoni hija marbuta mal-metodu użat għall-kalkolu tal-miri. Deċiżjoni tal-Kummissjoni[9] ppermettiet li l-Istati Membri jagħżlu minn erba' metodi differenti biex jikkalkulaw il-mira tal-2020 għal "skart muniċipali ppreparat għal użu mill-ġdid u riċiklat" (minn hawn 'il quddiem il-"mira tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali"). Din inbidlet bil-mira tal-2025, li għaliha l-Istati Membri kollha jeħtiġilhom jużaw l-istess metodu (in-numru 4[10]) – l-inqas wieħed vantaġġuż. Il-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni fir-rigward tal-ilħuq tal-mira tal-2020 hija bbażata fuq il-metodu magħżul mill-Istati Membri. L-impatt fuq il-grad ta' lħuq tal-mira jingħata fid-dettall fil-***Kaxxa 1*** u fil-***Figura 4***. Aktar fatturi li jaffettwaw il-kumparabbiltà tad-*data* huma deskritti fil-qosor fl-***Anness III***.

---

7 SWD(2022) 384.

8 Ir-Regolament (UE) 2025/40.

9 Id-Deċiżjoni 2011/753/UE.

10 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1004.

Kaxxa 1

## Metodi differenti għall-kalkolu tal-mira tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali tal-2020

Għall-mira tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali tal-2020, il-maġġoranza tal-Istati Membri (15) diġà għażlu li jiġu vvalutati abbażi tal-metodu 4, filwaqt li 9 użaw il-metodu 2, u 2 użaw il-metodu 1. Il-Greċja ma rrappurtat l-ebda *data* għall-2020 (sa tmiem l-2024). Barra minn hekk, 10 minn dawn il-11-il Stat Membru kienu rrappurtaw *data* bl-użu kemm tal-metodu l-antik kif ukoll dak il-ġdid. Dan ippermettielna nqabblu d-*data*: sibna li d-*data* tal-metodu 4 kienet bħala medja 12-il punt perċentwali aktar baxxa (b'firxa bejn −0.5 sa −30.9 punt perċentwali), kif jidher fil-***Figura 4***.

Filwaqt li l-użu ta' metodu ieħor minbarra l-metodu 4 għamilha aktar faċli biex tintlaħaq il-mira, dan ifisser ukoll li dawn l-Istati Membri se jkollhom jagħmlu aktar sforz biex jilħqu l-mira l-ġdida tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali ta' 55 % sal-2025. Għalkemm il-mira l-ġdida hija biss ħames punti perċentwali ogħla mill-mira tal-2020, dawn l-Istati Membri l-ewwel jeħtiġilhom jikkumpensaw għad-differenza bejn iż-żewġ metodi, imbagħad jiksbu l-ħames punti perċentwali addizzjonali.

## Figura 4 | Impatt ta' metodi ta' kalkolu differenti għall-mira tal-2020




*Sors:* il-QEA, abbażi tad-*data* li waslet mingħand l-Eurostat.

31 It-tieni konċessjoni hija relatata mad-dati ta' skadenza biex jintlaħqu l-miri. Abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni li ġew irfinati matul il-proċess leġiżlattiv, id-Direttiva dwar l-Iskart u d-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills stipulaw li l-Istati Membri jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jagħżlu li jipposponu dawn id-dati ta' skadenza. Bl-istess mod, huwa possibbli posponiment ta' 5 snin għall-miri speċifiċi għall-materjal tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ; din id-dispożizzjoni ma kinitx parti mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, iżda ġiet inkluża matul il-proċess leġiżlattiv. B'riżultat ta' dan, 8[11] Stati Membri (minn 11 li ssodisfaw il-kundizzjonijiet) ipprovdew notifika tal-intenzjoni tagħhom li jipposponu l-ilħuq tal-mira tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali tal-2025, u 7[12] (minn 27 li ssodisfaw il-kundizzjonijiet) għamlu dan għall-miri tal-imballaġġ speċifiċi għall-materjal tal-2025. Peress li xi Stati Membri biħsiebhom jipposponu bosta miri, b'kollox huma kkonċernati 12-il Stat Membru. Madankollu, ir-rapport ta' twissija bikrija tal-2023 tal-Kummissjoni dwar il-progress tal-Istati Membri lejn l-ilħuq tal-miri qies li 23 huma f'riskju li ma jilħqux wieħed jew aktar minn dawn il-miri (il-***Figura 7***). Dan ifisser li mhux l-Istati Membri kollha li tqiesu f'riskju iżda li setgħu jitolbu posponiment fil-fatt għamlu użu minn din l-għażla.

32 Ivvalutajna wkoll ir-raġuni għalfejn ma ġewx stabbiliti miri għal ċerti aspetti, jiġifieri l-prevenzjoni u l-inċinerazzjoni tal-iskart.

33 Il-possibbiltà li jiġu introdotti miri għall-**prevenzjoni tal-iskart** issemmiet għall-ewwel darba f'komunikazzjoni tal-Kummissjoni fl-2003. Id-Direttiva dwar l-Iskart tal-2008 ma stabbilietx miri, iżda kienet tirrikjedi li l-Istati Membri jippreparaw programmi għall-prevenzjoni tal-iskart sa tmiem l-2013. Bl-istess mod, il-Kummissjoni ma pproponietx tali miri fil-proposti tagħha tal-2014 u l-2015 biex temenda d-Direttiva dwar l-Iskart. Skont il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni, ir-raġunijiet prinċipali għaliex dan ma sarx kienu dawn li ġejjin:

— billi l-kunċett ta' "skart muniċipali" mhuwiex iddefinit b'mod ċar, id-*data* rrappurtata mill-Istati Membri ma setgħetx titqabbel. Dan għamilha wkoll diffiċli biex jiġu stabbiliti miri li setgħu jiġu applikati b'mod komuni;

— l-effettività tal-programmi għall-prevenzjoni tal-iskart kellha tiġi vvalutata qabel ma ġew introdotti l-miri.

[11] Il-Greċja, il-Kroazja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

[12] Iċ-Ċekja, il-Greċja, il-Kroazja, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall u l-Iżvezja.

34 Minkejja dan, il-Kummissjoni bdiet tintroduċi miżuri biex tnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart minn flussi speċifiċi.

— Abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni li ġew emendati aktar fil-proċess leġiżlattiv, direttiva tal-2015[13] introduċiet restrizzjonijiet fuq l-użu ta' basktijiet tal-plastik ħfief, filwaqt li fl-2019 direttiva oħra[14] pprojbiet ċerti prodotti tal-plastik (bħal pożati, platti u straws).

— Il-proposti tal-Kummissjoni tal-2022[15] għall-emendar tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ (riflessi fir-Regolament dwar l-Imballaġġ adottat) u tal-2023[16] għall-emendar tad-Direttiva dwar l-Iskart (adottata fil-ħarifa tal-2025) introduċew miri ta' tnaqqis għall-ewwel darba. Il-miri jikkonċernaw flussi speċifiċi ta' skart: skart tal-ikel u skart mill-imballaġġ. Aktar dettalji huma inklużi fl-***Anness IV***.

[13] Id-Direttiva (UE) 2015/720.

[14] Id-Direttiva (UE) 2019/904.

[15] COM(2022) 677.

[16] COM(2023) 420.

35 Il-bażi legali tal-UE ma tistabbilix miri għall-**inċinerazzjoni**. Fil-passat, ħafna Stati Membri investew fl-inċineraturi u xi wħud għadhom jagħmlu dan, pereżempju l-Italja (eż. f'Ruma, il-*Kaxxa 3*). Investimenti ta' dan it-tip jiswew ħafna flus, u l-faċilitajiet għandhom ħajja tax-xogħol ta' 20 sena jew aktar. B'riżultat ta' dan, l-inċinerazzjoni tibqa' l-metodu prinċipali tar-rimi tal-iskart għal ħafna Stati Membri (l-*Anness I* (il-*Figura 4*)). Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira mill-inċineraturi jirkupraw l-enerġija, li tista' tinbiegħ biex jiżdied id-dħul. Madankollu, id-dritt tal-UE jinkludi xi miżuri restrittivi dwar l-użu tal-inċinerazzjoni, li jaf jissaħħu fil-futur.

— Il-Parlament Ewropew kien appella biex l-inċinerazzjoni tiġi strettament limitata sal-2020 għal skart mhux riċiklabbli u mhux bijodegradabbli. Dan l-aħħar aspett ġie implimentat fil-biċċa l-kbira, billi d-Direttiva dwar l-Iskart tal-2018 tirrikjedi li l-bijoskart jew jiġi riċiklat fis-sors, jew inkella jinġabar separatament. Tiddikjara wkoll li l-iskart miġbur separatament ma jridx jiġi inċinerat.

— Fl-2026, il-Kummissjoni mistennija tivvaluta l-fattibbiltà li l-inċineraturi tal-iskart muniċipali jiġu inklużi fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet mill-2028 'il quddiem[17]. Taħt din is-sistema, dawn il-faċilitajiet ikollhom iċedu l-kwoti tal-emissjonijiet – mixtrija bl-irkant – biex jieħdu kont tal-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra. Dan ikun iżid il-kost tal-inċinerazzjoni u b'hekk jiddiżinċentiva dan il-metodu.

[17] Id-Direttiva 2003/87/KE, l-Artikolu 30(7).

## Il-Kummissjoni gradwalment saħħet ir-rekwiżiti legali għall-iskart muniċipali, iżda għad hemm sfidi fis-suq tar-riċiklaġġ

36 Il-miri u l-objettivi tal-UE jistgħu jintlaħqu biss jekk l-Istati Membri jieħdu inizjattiva biex jilħquhom. Għalhekk, ivvalutajna kemm il-Kummissjoni saħħet ir-rekwiżiti legali biex tħeġġeġ dan.

37 L-ewwel direttiva dwar l-iskart tal-1975 diġà kienet tirrikjedi li l-Istati Membri jippreparaw **pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart**, li jiffukaw primarjament fuq it-tipi ta' skart, il-kwantitajiet u s-siti tar-rimi. Abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, il-qafas legali tal-UE gradwalment saħħaħ ir-rekwiżiti dwar il-kontenut tal-pjanijiet (eż. jenħtieġ li dawn jinkludu valutazzjoni tal-iskemi eżistenti għall-ġbir tal-iskart). Dan ifisser li l-pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart issa jenħtieġ li jirriflettu b'mod komprensiv il-politika dwar l-iskart ta' kull pajjiż. Għalkemm ir-rekwiżit li l-pjanijiet jiġu allinjati mal-miri tal-UE ġie inkluż fil-bażi legali biss fl-2018, dan kien żvilupp pożittiv. L-Istati Membri huma meħtieġa jevalwaw il-pjanijiet mill-inqas kull 6 snin u jirreveduhom, fejn xieraq[18]. Id-Direttiva dwar l-Iskart tagħti lill-Istati Membri diskrezzjoni li jiddeċiedu dwar il-ħtieġa ta' aġġornament, u b'hekk tillimita s-setgħat ta' infurzar tal-Kummissjoni.

38 Filwaqt li l-bażi legali ma tirrikjedix b'mod espliċitu li l-Kummissjoni tivvaluta l-pjanijiet, il-Kummissjoni analizzat il-pjanijiet nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri kollha bejn l-2015 u l-2018 bl-għajnuna ta' kuntrattur. Ikkonkludiet li għadd sinifikanti tal-pjanijiet ma kinux sodisfaċenti. Dan l-aħħar, il-Kummissjoni inkarigat kumpanija esterna biex tivvaluta l-pjanijiet l-aktar reċenti għall-immaniġġjar tal-iskart (nazzjonali, reġjonali u lokali). Il-valutazzjoni mistennija titlesta sa nofs l-2026.

[18] Id-Direttiva 2008/98/KE, l-Artikolu 30(1).

**39** Fl-2005, il-Kummissjoni pproponiet li l-Istati Membri jintalbu jippreparaw **programmi għall-prevenzjoni tal-iskart**; dan imbagħad tnaqqax fid-Direttiva dwar l-Iskart tal-2008. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) ngħatat il-kompitu li tippubblika r-rapporti li jirrieżaminaw il-progress li sar fit-tlestija u fl-implimentazzjoni tal-programmi għall-prevenzjoni tal-iskart. Fost affarijiet oħra, ir-rapport tal-2025[19] ikkonkluda, li:

— minkejja l-importanza tal-prevenzjoni tal-iskart, il-programmi attwali jkomplu jiddependu b'mod predominanti fuq inizjattivi volontarji, ftehimiet u kampanji ta' informazzjoni, li jirrappreżentaw 81 % tal-miżuri identifikati kollha inklużi fil-programmi;

— minkejja r-rabta bejn il-ġenerazzjoni tal-iskart u t-tkabbir ekonomiku, l-istrumenti ekonomiċi (bħall-inċentivi finanzjarji) għadhom ma jintużawx biżżejjed;

— hemm informazzjoni limitata dwar l-implimentazzjoni reali ta' dawn il-programmi. Filwaqt li l-Istati Membri huma meħtieġa jevalwaw il-programmi tagħhom mill-inqas kull 6 snin, dan ir-rekwiżit spiss ma jiġix issodisfat, l-evalwazzjonijiet mhux dejjem ikunu disponibbli għall-pubbliku, u l-effettività tal-istrumenti ta' politika ma tiġix ivvalutata b'mod suffiċjenti.

**40** Jeħtieġ li l-prevenzjoni tal-iskart eventwalment twassal għad-diżakkoppjament tal-ġenerazzjoni tal-iskart mit-tkabbir ekonomiku, imkejla skont il-prodott domestiku gross (PDG). Matul dawn l-aħħar 23 sena, id-diżakkoppjament inkiseb f'perjodi speċifiċi ta' żmien, u dan ifisser li l-ġenerazzjoni tal-iskart muniċipali għadha qed tikber l-aktar meta jikber il-PDG, għalkemm f'livell inqas, kif jidher fil-***Figura 5***.

[19] Ir-Rapport 02/2025 tal-EEA.

## Figura 5 | Fluttwazzjoni tal-PDG u tal-iskart muniċipali (2000–2023)




*Sors:* il-QEA, abbażi tas-settijiet tad-*data* tal-Eurostat sdg_08_10 għall-PDG reali *per capita* u env_wasmun għall-iskart muniċipali totali u l-iskart muniċipali *per capita*.

**41** Rekwiżiti oħra jikkonċernaw ir-**regoli ta' finanzjament taħt il-politika ta' koeżjoni**, sors prinċipali ta' finanzjament għal Stati Membri u reġjuni inqas żviluppati. Sibna li dawn ir-regoli jirriflettu progressivament il-ġerarkija tal-iskart (l-***Anness I*** (il-paragrafu ***04***)).

— Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, it-testi legali li jirregolaw il-politika ta' koeżjoni ma imponew l-ebda restrizzjoni fuq it-tipi ta' proġetti li kienu eliġibbli għal kofinanzjament. Madankollu, il-gwida dwar l-immaniġġjar tal-iskart tal-Kummissjoni enfasizzat li l-miżuri fil-livelli inferjuri tal-ġerarkija kienu *inqas mixtieqa* u *jenħtieġ li jintużaw biss jekk miżuri ogħla fil-ġerarkija tal-iskart ma jkunux possibbli*. L-investimenti fil-livelli inferjuri jirreferu għal-landfills, għall-inċinerazzjoni jew għall-faċilitajiet ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku.

— Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027, it-test legali mar pass ieħor 'il quddiem, billi eskluda mill-ambitu tal-appoġġ (i) l-investimenti fil-landfills, u (ii) l-investimenti li jżidu l-kapaċità tal-faċilitajiet li jittrattaw l-iskart residwu (jiġifieri l-faċilitajiet ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku jew il-faċilitajiet ta' inċinerazzjoni), għalkemm b'eċċezzjonijiet limitati[20]. Barra minn hekk, l-investimenti appoġġati jeħtieġ li jkunu konformi mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" biex tiġi evitata ħsara lill-objettiv ambjentali tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari[21].

**42** Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 għall-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, il-Kummissjoni introduċiet ukoll **kundizzjonijiet** li għandhom jiġu ssodisfati mill-Istati Membri sa tmiem l-2016. Jekk Stat Membru ma jissodisfax dawn il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-pagamenti. Kundizzjonijiet simili japplikaw għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027. Għall-kuntrarju tal-perjodu 2014–2020, l-Istati Membri huma meħtieġa japplikaw il-kundizzjonijiet matul il-perjodu 2021–2027. Barra minn hekk, il-Kummissjoni mhijiex se tirrimborża n-nefqa ddikjarata jekk l-Istati Membri ma jissodisfawx – jew ma jibqgħux jissodisfaw – il-kundizzjonijiet matul il-perjodu kollu.

**43** Waħda minn dawn il-kundizzjonijiet kienet li l-Istati Membri kellhom jiżviluppaw pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart f'konformità mad-Direttiva dwar l-Iskart. Għalkemm id-Direttiva dwar l-Iskart ilha mill-1975 tirrikjedi l-preparazzjoni ta' pjanijiet ta' dan it-tip, għadd sinifikanti ta' Stati Membri kienu jeħtieġu ż-żmien biex jissodisfaw il-kundizzjoni. Billi l-programmi li jimplimentaw il-politika ta' koeżjoni huma mfassla u mmaniġġjati l-aktar fil-livell reġjonali, ir-reġjuni fil-biċċa l-kbira ppreżentaw pjanijiet reġjonali għall-immaniġġjar tal-iskart.

— Perjodu 2014–2020: 13-il Stat Membru ma ssodisfawx il-kundizzjoni meta l-programmi reġjonali u nazzjonali tagħhom li jimplimentaw il-politika ta' koeżjoni ġew approvati mill-Kummissjoni. B'riżultat ta' dan, kellhom jippreżentaw pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi. Il-Kummissjoni aktar tard qieset li l-kundizzjoni ġiet issodisfata.

— Perjodu 2021–2027: f'nofs Ġunju 2025, 29 minn 115-il programm li għalihom kienet tapplika l-kundizzjoni kienu għadhom ma ssodisfawx din il-kundizzjoni. Dawn id-29 programm kienu jikkonċernaw 5 Stati Membri.

**44** L-issodisfar tal-kundizzjoni ma jfissirx li l-pjanijiet huma ta' kwalità tajba, realistiċi u fattibbli, kif jidher mill-analiżi li wettaqna tal-erba' Stati Membri eżaminati (il-paragrafi *70*–*75*).

[20] Ir-Regolament (UE) 2021/1058, l-Artikolu 7(1)(f) u (g).

[21] Ir-Regolament (UE) 2021/1060, il-Premessa 10 u l-Artikolu 9(4).

45 Fl-2020, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE[22] inċentivat lill-Istati Membri biex inaqqsu l-konsum tal-plastik li jintuża darba biss, irawmu r-riċiklaġġ, u jagħtu spinta lill-ekonomija ċirkolari. Dan inkiseb billi kull Stat Membru ntalab iħallas **kontribuzzjoni nazzjonali lill-UE** b'mod proporzjonat għall-kwantità ta' skart mill-imballaġġ tal-plastik li ma jirriċiklawx.

46 Il-Kummissjoni gradwalment saħħet ir-rekwiżiti għall-Istati Membri fil-qasam tal-**istrumenti ekonomiċi**. Dawn jistgħu jaqdu rwol kruċjali fl-ilħuq tal-objettivi tal-immaniġġjar tal-iskart muniċipali u tal-prevenzjoni tal-iskart. It-tipi prinċipali ta' strument huma deskritti fil-*Figura 6*.

[22] Id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053.

## Figura 6 | Strumenti ekonomiċi

| | Tip ta' strument ekonomiku | Skop |
|---|---|---|
|  | **Taxxa fuq il-landfills** | Taxxa li għandha titħallas fuq l-ammont ta' skart mormi f'landfill. Jenħtieġ li t-taxxa tagħmel il-landfills aktar għaljin u għalhekk inqas attraenti. |
|  | **Taxxa fuq l-inċinerazzjoni** | Taxxa li għandha titħallas fuq l-ammont ta' skart mormi għall-inċinerazzjoni. Jenħtieġ li t-taxxa tagħmel l-inċinerazzjoni aktar għalja u għalhekk inqas attraenti. |
|  | **Prinċipju ta' "ħallas skont kemm tarmi"** | Il-produtturi tal-iskart iħallsu tariffa abbażi tal-ammont reali ta' skart iġġenerat (jiġifieri l-piż jew il-volum). Jenħtieġ li din isservi bħala inċentiv biex jiġi ġġenerat inqas skart u biex l-iskart jiġi sseparat aħjar. |
|  | **Skemi ta' rifużjoni tad-depożitu** | Il-konsumatur iħallas depożitu meta jixtri, pereżempju, xarba fi flixkun. Id-depożitu jitħallas lura meta jiġi rritornat il-flixkun. Jenħtieġ li l-iskemi jservu bħala inċentiv għall-ġbir effiċjenti ta' prodotti u materjali użati. |
|  | **Skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur** | Il-produtturi tal-prodotti jerfgħu r-responsabbiltà finanzjarja jew ir-responsabbiltà finanzjarja u organizzattiva għall-immaniġġjar tal-istadju tal-iskart taċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott. Jenħtieġ li l-produtturi, b'mod partikolari, ikopru l-kost tal-ġbir separat tal-iskart, it-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu. Jenħtieġ li l-iskemi jservu bħala inċentiv għad-disinn ta' prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. |

*Sors:* il-QEA, abbażi, fost affarijiet oħra, tad-Direttiva dwar l-Iskart u l-Briefing 29/2022 tal-EEA.

47 Filwaqt li d-Direttiva dwar l-Iskart tal-2008 ħeġġet l-użu ta' strumenti ekonomiċi, id-Direttiva dwar l-Iskart tal-2018 għamlet l-użu tagħhom obbligatorju. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-2014 imwettqa mill-Kummissjoni kkonkludiet li l-impożizzjoni ta' armonizzazzjoni sħiħa ta' dawn l-istrumenti tkun eċċessiva. Għalhekk, id-dritt tal-UE jagħti lill-Istati Membri l-flessibbiltà li jagħżlu liema strumenti għandhom jimplimentaw, bl-eċċezzjonijiet prinċipali li ġejjin.

— Skema ta' rifużjoni tad-depożitu se tkun obbligatorja minn Jannar 2029 għal formati definiti ta' imballaġġ. Din id-dispożizzjoni kienet ibbażata fuq proposta tal-Kummissjoni u inkluża fir-Regolament dwar l-Imballaġġ tal-2025.

— L-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ilhom obbligatorji għall-imballaġġ kollu minn Jannar 2025. Din id-dispożizzjoni ġiet introdotta fid-Direttiva dwar l-Imballaġġ mill-koleġiżlaturi (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill).

48 Il-Kummissjoni gradwalment saħħet ukoll ir-rekwiżiti għall-Istati Membri fil-qasam tas-**sistemi ta' ġbir separat** (l-***Anness IV*** (it-***Tabella 2***)). Sistemi ta' ġbir effettivi huma essenzjali għall-ġbir ta' materjali riċiklabbli ta' kwalità għolja u għall-kisba ta' rati għoljin ta' riċiklaġġ.

— Filwaqt li d-Direttiva dwar l-Iskart tal-2008 imponiet il-ġbir separat mill-inqas għall-karti, il-metall, il-plastik u l-ħġieġ sal-2015, id-Direttiva dwar l-Iskart tal-2018 kienet tirrikjedi dan ukoll għat-tessuti minn Jannar 2025.

— Filwaqt li d-Direttiva dwar l-Iskart tal-2008 ħeġġet il-ġbir separat għall-bijoskart, id-Direttiva dwar l-Iskart tal-2018 tirrikjedi li l-Istati Membri jaraw li, sal-31 ta' Diċembru 2023, il-bijoskart jew jiġi sseparat u riċiklat fis-sors, jew inkella jinġabar separatament u ma jitħallatx ma' tipi oħra ta' skart.

49 Aktar reċentement, il-Kummissjoni bdiet tindirizza wkoll il-problema tal-iskart min-naħa tal-produzzjoni. Il-kwistjoni tal-iskart jenħtieġ li titqies diġà fl-istadju tad-**disinn tal-prodott**. Dan huwa pass ewlieni ieħor lejn it-tnaqqis tal-iskart, iżda se jieħu ż-żmien qabel ma jkunu jistgħu jiġu osservati riżultati sostanzjali. It-tliet atti legali prinċipali huma d-Direttiva tal-2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik[23] (il-paragrafu ***34*** u l-***Anness IV*** (it-***Tabella 1***)), ir-Regolament dwar l-Imballaġġ tal-2025 (l-***Anness IV*** (it-***Tabella 1***)) kif ukoll ir-Regolament dwar l-Ekodisinn tal-2024[24]. Dan tal-aħħar huwa tip ta' leġiżlazzjoni qafas u jistabbilixxi l-bażi għall-adozzjoni sussegwenti ta' regoli speċifiċi, jew fuq bażi ta' prodott prodott jew b'mod orizzontali. Għal dan il-fini, il-Kummissjoni se tagħti prijorità lill-prodotti u mbagħad tibda tiżviluppa r-regoli tal-prodotti. Pereżempju, l-ewwel lista ta' prijoritajiet[25] ġiet adottata fir-rebbiegħa tal-2025 u tinkludi t-tessuti.

50 Sibna sfidi fir-rigward tal-industrija tar-riċiklaġġ, b'mod partikolari għall-plastik, u d-domanda għal materjali sekondarji (jiġifieri riċiklati). Mingħajr industrija u suq tar-riċiklaġġ effettivi, il-miri tar-riċiklaġġ huma f'riskju. L-EEA kkonkludiet[26] li (i) il-ktajjen tal-valur għall-plastik mhumiex sostenibbli, jiġġeneraw emissjonijiet u jżidu l-iskart u t-tniġġis; u (ii) it-tnaqqis ta' dawn l-impatti jirrikjedi li nimxu lejn sistema ċirkolari u sostenibbli għall-plastik.

51 Ir-riċiklaturi huma operaturi ekonomiċi li jirrikjedu xenarju vijabbli. Dan l-aħħar, l-organizzazzjoni li tirrappreżenta l-interessi tar-riċiklaturi tal-plastik Ewropej fl-UE wissiet[27] dwar kriżi fl-industrija tagħhom, u semmiet raġunijiet varji bħal: (i) iż-żieda fil-kostijiet operatorji, parzjalment minħabba l-prezzijiet għoljin tal-enerġija; (ii) l-importazzjonijiet bi prezz baxx u mhux ivverifikati ta' plastik verġni u riċiklat; u (iii) nuqqas ta' domanda għal plastik verġni u riċiklat tal-UE.

---

[23] Id-Direttiva (UE) 2019/904.

[24] Ir-Regolament (UE) 2024/1781.

[25] COM(2025) 187.

[26] Il-Briefing 05/2024.

[27] Il-Plastic Recyclers Europe, "Safeguarding Europe's Plastics Recycling Future", 2025; "Crisis in EU Plastic Recycling Demands Immediate Action", 2025; "EU's competitiveness under severe threat: plastics sector at crossroads", 2024.

52 L-operaturi tal-impjanti tat-trattament tal-iskart fil-Polonja u l-pjan nazzjonali għall-immaniġġjar tal-iskart fir-Rumanija rrappurtaw li l-faċilitajiet tar-riċiklaġġ li jixtru materjali rkuprati kienu skarsi. Barra minn hekk, l-operaturi indikaw li għadd ta' faċilitajiet tar-riċiklaġġ kienu jew qed inaqqsu l-kapaċità jew inkella kienu qed iwaqqfu għalkollox l-operazzjonijiet. Din l-iskarsezza (jiġifieri domanda baxxa) tikkontribwixxi għall-prezzijiet baxxi u tfisser li l-materjali riċiklabbli jridu jiġu ttrasportati fuq distanzi akbar. Dan jiġġenera emissjonijiet relatati mat-trasport. Pereżempju, operatur ta' faċilità fil-kampjun tagħna biegħ il-ħġieġ lil faċilità li tinsab 590 km 'il bogħod, filwaqt li ieħor biegħ il-karti lil faċilità li tinsab aktar minn 570 km 'il bogħod u l-aluminju lil impjant li jinsab aktar minn 910 km 'il bogħod. L-***Anness V*** jipprovdi aktar dettalji dwar kif il-prezzijiet tal-bejgħ tar-riċiklabbli jvarjaw skont il-materjal.

53 F'termini ta' domanda, nosservaw li r-Regolament tal-2022[28] dwar il-materjali tal-plastik riċiklat jispeċifika li l-materjali tal-plastik riċiklat li jiġu f'kuntatt mal-ikel iridu jiġu minn skart tal-plastik miġbur separatament, jew jinġabru minn sistema li tippermetti li żgur ma jkun hemm l-ebda kontaminazzjoni. Dan inaqqas il-possibbiltà li jintuża plastik riċiklat. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ħabbret[29] li Att ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari, li għandu jiġi adottat fl-2026, biħsiebu jinkludi miżuri li jiffaċilitaw suq uniku għall-materja prima sekondarja, irawmu provvista ogħla ta' materjali riċiklati ta' kwalità għolja (jiġifieri materjali li jirriżultaw mill-proċess ta' riċiklaġġ), u jistimulaw id-domanda għall-materjali sekondarji u għall-prodotti ċirkolari.

## Il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjonijiet pertinenti lill-Istati Membri, iżda l-infurzar tagħha rigward il-miri tal-iskart li ma ntlaħqux kien affettwat minn problemi fil-kompożizzjoni tal-persunal u dewmien

54 Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-monitoraġġ tal-konformità tal-Istati Membri mad-dritt tal-UE, inkluż il-progress tagħhom lejn l-ilħuq tal-miri tal-UE. Id-Direttiva dwar l-Iskart tat lill-Kummissjoni l-kompitu li toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri li huma meqjusa f'riskju li ma jilħqux il-miri. Jekk l-Istati Membri jonqsu milli jikkonformaw mad-dritt tal-UE, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tibda proċeduri ta' ksur, u fl-aħħar mill-aħħar li tirreferi l-każ lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha d-diskrezzjoni li tiddeċiedi jekk u meta tibda proċedimenti ta' ksur.

---

[28] Ir-Regolament (UE) 2022/1616.

[29] COM (2025) 85.

55 Għalhekk, ivvalutajna l-proċess tal-Kummissjoni għall-evalwazzjoni tal-progress tal-Istati Membri fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart muniċipali u għall-bidu ta' proċedimenti ta' ksur.

56 Il-Kummissjoni kisbet fehim profond tal-immaniġġjar tal-iskart muniċipali fl-Istati Membri permezz ta' diversi valutazzjonijiet.

— Diversi valutazzjonijiet tal-impatt, bħal dawk imwettqa bi preparazzjoni għall-emendi tad-Direttiva dwar l-Iskart, id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u d-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills, u għar-Regolament dwar l-Imballaġġ.

— Żewġ "proċeduri ta' promozzjoni tal-konformità" biex jikkontribwixxu għat-titjib tal-prattiki nazzjonali tal-immaniġġjar tal-iskart muniċipali. Waħda twettqet fil-perjodu 2012–2013 (li kopriet 10 Stati Membri) u l-oħra fil-perjodu 2014–2015 (li kopriet 8 Stati Membri). Flimkien mar-rapporti ġenerali[30] u l-iskedi informattivi speċifiċi għall-pajjiż, il-Kummissjoni ppubblikat ukoll pjanijiet direzzjonali li jiddeskrivu l-isfidi ffaċċjati u jipprovdu rakkomandazzjonijiet għal titjib.

— Rapporti ta' twissija bikrija: abbażi tad-Direttiva dwar l-Iskart tal-2018, dawn ir-rapporti huma dovuti mhux aktar tard minn 3 snin qabel kull data ta' skadenza tal-mira. Filwaqt li l-ewwel rapport kien mistenni sal-2022, il-Kummissjoni kienet diġà ppreparat wieħed fl-2018[31]. Dan kien jinkludi parti ġenerali, kif ukoll rapporti speċifiċi għall-pajjiż għal 14-il Stat Membru[32] meqjusa f'riskju li ma jilħqux il-mira tal-2020 għar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali. Il-Kummissjoni kienet ippjanat żjarat ta' segwitu fuq il-post, iżda dawn ma seħħewx minħabba nuqqas ta' persunal. Fl-2023[33], il-Kummissjoni ppubblikat it-tieni rapport abbażi ta' xogħol dettaljat li sar mill-EEA. Ir-rapport ipprovda valutazzjoni mhux biss tal-miri tal-2025 (il-***Figura 2***), iżda wkoll tal-mira tal-2035 għal-landfills (il-***Figura 3***). Dan kien jinkludi rapporti speċifiċi għall-pajjiż għal 18-il Stat Membru meqjusa f'riskju li ma jilħqux il-miri (il-***Figura 7***).

— Profili tal-pajjiżi[34] ppubblikati f'April 2025 mill-EEA, fuq talba tal-Kummissjoni. Il-valutazzjonijiet jinkludu prospetti aġġornati biex jintlaħqu l-miri dwar ir-riċiklaġġ u l-landfills.

---

30 Ir-rapport ippubblikat fl-2013; u r-rapport ippubblikat fl-2016.

31 COM(2018) 656.

32 Il-Bulgarija, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Finlandja.

33 COM(2023) 304.

34 L-EEA, profili tal-pajjiżi, 2025.

57 Matul l-aħħar 10 snin, il-Kummissjoni ma wettqet l-ebda żjara ta' promozzjoni tal-konformità fuq il-post fl-Istati Membri, għalkemm tali żjarat jistgħu jappoġġaw lill-istati membri fl-isforzi ta' implimentazzjoni tagħhom u jikkontribwixxu biex l-iskart muniċipali jinżamm fuq l-aġendi politiċi nazzjonali. Minkejja dan, ir-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Istati Membri (il-paragrafu ***56***) kienu pertinenti billi indirizzaw direttament il-problemi ewlenin identifikati.

58 Madankollu, il-Kummissjoni tilfet opportunità biex titlob aġġustamenti fil-pjanijiet ta' implimentazzjoni meħtieġa mill-Istati Membri li pposponew id-dati ta' skadenza tagħhom biex jilħqu ċerti miri (il-paragrafu ***31***). Billi l-ebda wieħed mill-pjanijiet ta' implimentazzjoni li ġew ippreżentati ma kien jikkonforma mad-Direttivi, il-Kummissjoni talbet li dawn jiġu riveduti. Sfortunatament, il-Kummissjoni ma setgħetx tlesti l-valutazzjoni tagħha tal-pjanijiet riveduti fil-perjodu ta' 3 xhur implikat mid-Direttivi, u għalhekk il-pjanijiet tqiesu bħala konformi.

59 Barra minn hekk, il-Kummissjoni damet ħafna biex tibda l-proċedimenti ta' ksur għan-nuqqas ta' lħuq tal-miri tal-2008 stabbiliti mid-Direttiva dwar l-Imballaġġ tal-2004. Kien biss f'Lulju 2024 li finalment inbdew proċedimenti kontra tmien Stati Membri[35]. Fl-istess ħin, bdiet ukoll proċedimenti għan-nuqqas tal-ilħuq tal-miri tal-2020 tad-Direttiva dwar l-Iskart tal-2008. Billi l-Istati Membri huma meħtieġa jirrappurtaw *data* 18-il xahar wara s-sena ta' referenza (Lulju 2022 għad-*data* tal-2020), il-Kummissjoni damet sentejn biex tibda dawn il-proċedimenti kontra 17-il Stat Membru.

60 Fir-rigward tat-tliet Direttivi emendati fl-2018, il-Kummissjoni kellha tivverifika jekk l-Istati Membri kinux:

— ipprovdew notifika tal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom sad-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni (jiġifieri Lulju 2020) (komunikazzjoni u traspożizzjoni);

— irriflettew b'mod preċiż id-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva fid-dritt nazzjonali (konformità).

61 Għad-Direttiva dwar l-Imballaġġ, il-Kummissjoni ma wettqet l-ebda verifika, billi d-Direttiva kellha titħassar minn regolament. Il-proposta għar-Regolament dwar l-Imballaġġ ġiet ippubblikata f'Novembru 2022, u r-Regolament ġie adottat f'Jannar 2025 b'effett minn Awwissu 2026.

[35] L-Irlanda, il-Greċja, il-Kroazja, Ċipru, l-Ungerija, Malta, ir-Rumanija u l-Portugall.

62 Għaż-żewġ Direttivi l-oħra, il-Kummissjoni wettqet kemm "komunikazzjoni u traspożizzjoni" kif ukoll "verifiki tal-konformità", għalkemm dawn tal-aħħar kienu għadhom għaddejjin f'Settembru 2025. Sibna li l-Kummissjoni mhux dejjem żammet mad-dati ta' skadenza interni tagħha għall-verifiki, kif spjegat fid-dettall fit-*Tabella 2*. Ir-Rapport Speċjali tagħna tal-2024 dwar l-infurzar tad-dritt tal-UE wasal għal konklużjonijiet simili.

### Tabella 2 | Proċedimenti ta' ksur mibdija mill-Kummissjoni rigward id-Direttiva dwar l-Iskart u d-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills tal-2018 (sa Settembru 2025)

| Għadd ta' proċedimenti | Verifiki u dati ta' skadenza tal-Kummissjoni | Sejbiet |
|---|---|---|
| | **Komunikazzjoni/traspożizzjoni** | |
| Kien hemm 42 kawża kontra 23 Stat Membru li jikkonċernaw id-Direttiva dwar l-Iskart u d-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills tal-2018 | Għaddew mhux aktar minn 12-il xahar minn meta ntbagħtet l-ittra ta' intimazzjoni u nqatgħet il-kawża jew tressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja[36]. | Il-kawżi kollha nbdew malajr, fi żmien 3 xhur mid-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni.<br><br>Id-data ta' skadenza nqabżet fi 68 % tal-każijiet. |
| | **Konformità** | |
| 17-il kawża kontra 13-il Stat Membru, inkluż 13-il kawża li jikkonċernaw id-Direttiva dwar l-Iskart tal-2018 u 4 kawżi li jikkonċernaw id-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills tal-2018 | Tlestija tal-verifika tal-konformità fi żmien 16 sa 24 xahar minn meta tasal in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali. [...] Bħala regola, jenħtieġ li l-verifika tal-konformità tibda biss ladarba tkun tlestiet il-fażi preċedenti tal-verifika tat-traspożizzjoni – inkluż proċedimenti ta' ksur possibbli għan-nuqqas ta' rappurtar tal-miżuri ta' traspożizzjoni[37]. | Id-data ta' skadenza nqabżet f'71 % tal-każijiet. |

[36] COM(2007) 502, it-Taqsima 3.

[37] Better Regulation Toolbox 2023.

63 Il-Kummissjoni tidentifika wkoll applikazzjoni potenzjalment ħażina tad-direttivi mill-Istati Membri b'riżultat ta' lmenti, jew mill-investigazzjonijiet tagħha stess. Għal direttivi relatati mal-iskart applikabbli qabel l-2018, bdiet 56 proċediment minn Lulju 2003 sa Settembru 2025, inklużi dawk imsemmija fil-paragrafu ***59***. Il-***Kaxxa 2*** tippreżenta xi eżempji.

## Kaxxa 2

### Proċedimenti ta' ksur kontra l-Italja għal nuqqasijiet fil-ġbir u r-rimi tal-iskart muniċipali

Wara kriżi fir-rimi tal-iskart muniċipali fir-reġjun tal-Campania fl-2007, il-Kummissjoni bdiet proċedimenti ta' ksur kontra l-Italja, li rriżultaw f'sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-2010. F'Diċembru 2013, il-Kummissjoni ressqet kawża oħra kontra l-Italja talli naqset milli tadotta l-miżuri kollha meħtieġa biex tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, il-Kummissjoni rrappurtat li bejn l-2010 u l-2011, ġew innotifikati bosta problemi fil-ġbir tal-iskart fil-Campania, li rriżultaw fl-akkumulu ta' tunnellati ta' skart tul perjodu ta' diversi jiem fit-toroq ta' Napli u bliet żgħar oħra fil-Campania. Barra minn hekk, kwantità kbira ta' skart storiku (6 miljun tunnellata) kienet ġiet akkumulata fir-reġjun.

Fl-2015, il-Qorti tal-Ġustizzja ordnat lill-Italja tħallas penali ta' kuljum ta' EUR 120 000 u somma f'daqqa ta' EUR 20 miljun. Fl-2021, il-penali ta' kuljum tnaqqset b'EUR 40 000, billi l-Kummissjoni sabet li kien sar progress fil-kapaċità ta' inċinerazzjoni.

*Sors:* il-Kawża C-653/13, stqarrija għall-istampa 86/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja u tweġiba għal mistoqsija parlamentari.

## L-Istati Membri inklużi fil-kampjun qed jagħmlu progress bil-mod minħabba finanzjament pubbliku insuffiċjenti u nuqqas ta’ kapaċità li jużaw bis-sħiħ l-istrumenti ekonomiċi

64 Ir-rapport ta’ twissija bikrija tal-2023 (il-paragrafu *56*) ikkonkluda, abbażi tad-*data* tal-2020 u fatturi oħra[38], li 23 Stat Membru kienu f’riskju li ma jilħqux waħda jew aktar mill-miri tal-2025, u 13 kienu għadhom lura ħafna mill-mira tal-2035 għal-landfills (il-*Figura 7*).

### Figura 7 | Status tal-Istati Membri fi tmiem l-2020 fir-rigward tal-miri

| Isem tal-mira | Valur tal-mira | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | HR | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Stati membri f’riskju li ma jilħqux il-miri għall-2025** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Miri ġenerali** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Skart muniċipali ppreparat għall-użu mill-ġdid u riċiklat (minimu, skont il-piż)** | 55 % | | ■ | | | | ■ | ■ | ■ | ■ | ■ | ■ | | ■ | ■ | ■ | | ■ | ■ | | | ■ | ■ | ■ | | ■ | ■ | ■ |
| **Skart mill-imballaġġ riċiklat (minimu, skont il-piż)** | 65 % | | ■ | | | | | | ■ | | | ■ | | ■ | | ■ | | ■ | ■ | | | ■ | | ■ | | ■ | | |
| **Miri speċifiċi għall-materjal (minimu, skont il-piż)** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Karti/kartun | 75 % | | | | | | | | | ■ | | ■ | | | | | | | ■ | | | | | | | ■ | | |
| Plastik | 50 % | | ■ | | ■ | | | ■ | ■ | ■ | ■ | ■ | ■ | ■ | ■ | | ■ | ■ | ■ | | ■ | ■ | ■ | ■ | | ■ | ■ | |
| Ħġieġ | 70 % | | ■ | | | | | | ■ | | | ■ | | ■ | | ■ | | ■ | ■ | | | ■ | ■ | ■ | | | | |
| Injam | 25 % | | | | | | | | | | | ■ | | | | | | | ■ | | | | | | | | | |
| Metalli tal-ħadid | 70 % | | | | ■ | | | | | | | ■ | | | | | | | ■ | | | | ■ | ■ | | | | |
| Aluminju | 50 % | | | ■ | | | | | ■ | ■ | | ■ | | ■ | | | | | ■ | | | | ■ | ■ | | ■ | | |
| **Stati Membri li jeħtieġu progress sinifikanti biex jilħqu l-mira tal-2035** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Landfill** ***(massimu, bħala % tal-iskart muniċipali kollu ġġenerat, skont il-piż)*** | 10 % | | ■ | ■ | | | | | ■ | ■ | | ■ | | ■ | ■ | | | ■ | ■ | | | ■ | ■ | ■ | | ■ | | |

*Sors:* il-QEA, abbażi ta’ COM(2023) 304.

65 L-ilħuq ta’ dawn il-miri jirrikjedi, fost affarijiet oħra, infrastruttura adegwata għas-separazzjoni u t-trattament tal-iskart, strumenti ekonomiċi effettivi (il-*Figura 6*), u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fis-separazzjoni tal-iskart fis-sors. Ir-riflessjoni tal-kostijiet kollha mis-servizzi tal-immaniġġjar tal-iskart fit-tariffi imposti fuq iċ-ċittadini trawwem l-involviment tagħhom fil-proċess. Barra minn hekk, huwa kruċjali li tiġi enfasizzata l-prevenzjoni tal-iskart, billi l-iskart li ma jiġix iġġenerat ma għandux għalfejn jiġi mmaniġġjat.

66 It-18-il rapport speċifiku għall-pajjiż mehmuża mar-rapport ta’ twissija bikrija tal-2023 kienu jinkludu rakkomandazzjonijiet għal kull Stat Membru, li jindirizzaw il-problemi identifikati relatati mal-iskart muniċipali. Dawk għall-erba’ Stati Membri li awditjajna huma miġbura fil-qosor fil-*Figura 8*.

[38] L-EEA, “Methodology for the Early warning assessment related to certain waste targets”, 2.1.2022.

## Figura 8 | Rakkomandazzjonijiet tar-rapporti ta’ twissija bikrija tal-2023

| | IL-GREĊJA | IL-POLONJA | IL-PORTUGALL | IR-RUMANIJA |
|---|---|---|---|---|
| **Żvilupp ulterjuri tal-infrastruttura għat-trattament tal-iskart** | | | | |
|  | • Tiżdied il-**kapaċità tat-trattament għall-bijoskart**<br>• Jiġi appoġġat il-**kompostjar domestiku**<br>• Tiġi stabbilita **sistema ta’ mmaniġġjar tal-kwalità** għall-kompost/diġestat mill-bijoskart | • Jissaħħaħ l-investiment fl-**infrastruttura tat-trattament tal-iskart**, inklużi l-faċilitajiet għat-trattament tal-**bijoskart miġbur** separatament | • Tiżdied il-**kapaċità tat-trattament għall-bijoskart**<br>• Jiġi appoġġat il-**kompostjar domestiku**<br>• Jittieħdu passi biex żgur ikun hemm **trattament minn qabel tal-iskart** li jintrema f’landfill | • Tiżdied il-**kapaċità tat-trattament għall-bijoskart**<br>• Jiġi appoġġat il-**kompostjar domestiku**<br>• Jiġu stabbiliti **standards ta’ kwalità nazzjonali** biex il-**bijoskart** żgur jintuża bħala fertilizzant |
| **Ġbir separat** | | | | |
|  | • Jiġi estiż għall-**partijiet kollha tal-popolazzjoni**, speċjalment għall-**bijoskart**<br>• Tittejjeb is-**sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini** dwar is-segregazzjoni u l-prevenzjoni tal-iskart | • Tiżdied l-**effiċjenza** tiegħu **għall-materjal tal-imballaġġ**<br>• Jitnieda għall-**bijoskart**<br>• Jiġu promossi **sistemi b’użu multiplu** fost l-intrapriżi lokali li jibbottiljaw | • Jittejjeb għar-**riċiklabbli**, jiġifieri l-iskart mill-imballaġġ<br>• Tittejjeb il-konvenjenza tal-ġbir separat tal-**bijoskart** | • Jiġi estiż il-**ġbir separat** fis-sors<br>• Tittejjeb is-**sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini** dwar is-segregazzjoni u l-prevenzjoni tal-iskart |
| **Appoġġ għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid tal-iskart muniċipali u għall-użu mill-ġdid tas-sistemi għall-imballaġġ** | | | | |
|  | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| **Implimentazzjoni ta’ strumenti ekonomiċi** | | | | |
|  | • **Ħallas skont kemm tarmi**<br>• Tiżdied it-**taxxa fuq il-landfills** | • Sistema ta’ **“ħallas skont kemm tarmi”** għall-unitajiet domestiċi<br>• **Skema ta’ rifużjoni tad-depożitu**<br>• Skema ta’ **responsabbiltà estiża tal-produttur** għall-imballaġġ mill-unitajiet domestiċi | • **Ħallas skont kemm tarmi**<br>• **Skema ta’ rifużjoni tad-depożitu**<br>• **Responsabbiltà estiża tal-produttur** għall-iskart mhux mill-unitajiet domestiċi<br>• Tiżdied it-**taxxa fuq il-landfills** | • **Ħallas skont kemm tarmi**<br>• Tiżdied it-**taxxa fuq il-landfills** |
| **Tittejjeb is-sistema ta’ mmaniġġjar tad-*data*** | | | | |
|  | Jiġu ppreżentati **settijiet tad-data koerenti u verifikabbli**, speċjalment għall-iskart mill-imballaġġ | | | Jiġu ppreżentati **settijiet tad-data koerenti u verifikabbli** |

*Sors:* il-QEA, abbażi tar-rapporti speċifiċi għall-pajjiż tal-2023, li jakkumpanjaw ir-rapport ta’ twissija bikrija.

**67** Ir-rapport ta' twissija bikrija tal-2023 kien ibbażat fuq *data* tal-2020. Matul l-awditu li wettaqna, saret disponibbli d-*data* għall-2022. Bl-użu tad-*data* rrappurtata skont id-direttivi rilevanti u bl-użu tal-metodu ta' kalkolu 4 (il-paragrafu ***30*** u l-***Anness III***), nilħqu l-konklużjonijiet li ġejjin dwar l-istatus tal-Istati Membri fir-rigward tal-miri tal-UE[39].

— Għall-mira tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali tal-2025 (minimu ta' 55 %): 6 Stati Membri jew laħqu l-mira jew inkella kienu inqas minn 5 punti perċentwali 'l bogħod milli jilħquha; 11 kienu aktar minn 15-il punt 'il bogħod, b'hekk kien għad baqagħlhom biex jilħqu l-mira; u d-9 l-oħra kienu fin-nofs (id-*data* għall-Greċja għall-metodu 4 ma kinitx disponibbli).

— Għall-mira tal-imballaġġ u tal-iskart mill-imballaġġ tal-2025 (minimu ta' 65 %): 19-il Stat Membru jew laħqu l-mira jew inkella kienu inqas minn 5 punti perċentwali 'l bogħod milli jilħquha; 4 kienu aktar minn 15-il punt 'il bogħod, u b'hekk kien għad baqagħlhom biex jilħqu din il-mira; u l-4 l-oħra kienu fin-nofs.

— Għall-mira tal-2035 għal-landfills (massimu ta' 10 %): 9 Stati Membri diġà kienu laħqu l-mira, 4 kienu bejn 10 u 20 punt perċentwali 'l bogħod; 3 kienu bejn 20 u 40 punt 'il bogħod; u l-11 li jifdal kienu aktar minn 40 punt 'il bogħod, u b'hekk jirrikjedu progress sinifikanti fl-10 snin li jmiss.

**68** Ninnutaw ukoll li l-ilħuq ta' mira fil-livell nazzjonali ma jfissirx li l-awtoritajiet lokali kollha jikkonformaw mal-objettivi tad-direttivi. Dan huwa parzjalment dovut għall-fatt li l-immaniġġjar tal-iskart fil-biċċa l-kbira jiġi organizzat fil-livell lokali (spiss mill-muniċipalitajiet). L-isfidi jvarjaw ukoll bejn muniċipalitajiet żgħar u bliet kbar, kif jidher mill-eżempju ta' Ruma fil-***Kaxxa 3***. Dan iżid mal-kumplessità tal-immaniġġjar tal-iskart b'mod ġenerali.

---

[39] Id-data użata hija d-data rrappurtata skont l-Anness IV tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1004 għar-rata tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali, skont l-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1885 għall-mira tal-landfills u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/665 għall-mira tal-imballaġġ u tal-iskart mill-imballaġġ.

## Kaxxa 3

### L-isfidi li qed tiffaċċja l-belt ta' Ruma

Filwaqt li l-Kummissjoni ma qisitx li l-Italja (fil-livell nazzjonali) kienet f'riskju li ma tilħaqx il-miri, bl-eċċezzjoni ta' waħda (il-*Figura 7*), il-belt ta' Ruma kienet u għadha qed tiffaċċja diversi sfidi fir-rigward tal-iskart muniċipali, bħal dan li ġej.

— Kapaċità ta' trattament insuffiċjenti Mill-2018 sal-2023, il-kapaċità ta' trattament ta' Ruma naqset minn 900 000 għal 140 000 tunnellata, primarjament minħabba nirien li qerdu impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku. Konsegwentement, l-iskart irid jiġi ttrasportat xi mkien ieħor għat-trattament.

— Livelli ta' ġbir separat taħt il-medja nazzjonali.

— Rati ogħla ta' landfills meta mqabbla mal-medja nazzjonali.

— Flotta antika u insuffiċjenti għall-ġbir tal-iskart.

— Problemi fil-kompożizzjoni tal-persunal.

Minkejja dan, ġew ippjanati investimenti biex jiġu indirizzati dawn il-problemi, eż.: il-kostruzzjoni ta' erba' impjanti ġodda tat-trattament li mistennija tibda f'nofs l-2025, xogħlijiet biex jinbena inċineratur ġdid li mistennija jibdew f'Settembru 2025, u t-tiġdid tal-flotta tal-ġbir tal-iskart biex tittejjeb ir-regolarità tas-servizz. L-effettività ta' dawn l-investimenti se tiġi osservata fis-snin li ġejjin.

*Sors:* Camera dei Deputati, Senato della Repubblica, XIX legislatura, Doc. XXIII, n. 5, u l-informazzjoni li waslet mingħand id-dipartiment rilevanti tal-belt ta' Ruma.

69 Għalhekk, għall-erba' Stati Membri li awditjajna, ivvalutajna jekk:

— il-pjanijiet nazzjonali għall-immaniġġjar tal-iskart ipprovdewx stampa ċara tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura u d-disponibbiltà tal-finanzjament;

— kien hemm progress fl-organizzazzjoni tal-ġbir separat tal-iskart;

— kien hemm progress fl-implimentazzjoni tal-istrumenti ekonomiċi.

## Il-pjanijiet nazzjonali għall-immaniġġjar tal-iskart tal-Istati Membri inklużi fil-kampjun jistmaw b'mod insuffiċjenti l-ħtiġijiet tal-infrastruttura u ma għandhomx dettalji dwar id-disponibbiltà mistennija tal-finanzjament

70 Il-pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart huma għodda prinċipali biex l-awtoritajiet ikunu jistgħu japplikaw il-prinċipji tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Għalhekk, ivvalutajna jekk il-pjanijiet li hemm fis-seħħ bħalissa għall-erba' Stati Membri li awditjajna kinux fil-fatt identifikaw il-ħtiġijiet futuri tal-infrastruttura, u jekk kinux jinkludu informazzjoni sinifikattiva dwar is-sorsi u d-disponibbiltà tal-finanzjament għall-immaniġġjar tal-iskart muniċipali. Billi huwa essenzjali li jkun hemm finanzjament suffiċjenti għas-suċċess tal-pjanijiet nazzjonali għall-immaniġġjar tal-iskart, ivvalutajna wkoll kemm il-finanzjament mill-UE disponibbli ntuża għall-implimentazzjoni tagħhom.

71 Il-miri msaħħa tad-direttivi tal-2018 (il-***Figura 2*** u l-***Figura 3***) kienu jfissru li l-Istati Membri kellhom jindirizzaw rekwiżiti ġodda tal-infrastruttura. Sibna li tlieta mill-erba' Stati Membri inklużi fil-kampjun kienu aġġornaw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom wara l-2018 u rreferew għall-miri l-ġodda. L-unika eċċezzjoni kienet ir-Rumanija, fejn il-pjan nazzjonali kien għadu ma ġiex aġġornat, għalkemm il-pjanijiet reġjonali kienu ġew aġġornati u b'hekk kienu jirriflettu l-miri l-ġodda. Kien hemm ukoll lakuna fl-ippjanar tar-Rumanija, billi ma kien hemm l-ebda pjan fis-seħħ bejn l-2013 u l-2018.

72 Fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura u l-investimenti rispettivi, sibna li l-pjanijiet attwali pprovdew aktar informazzjoni u informazzjoni aħjar minn dawk preċedenti. Minkejja dan, il-ħtiġijiet u l-ammonti rispettivi ġew stmati b'mod insuffiċjenti fl-erba' Stati Membri kollha għal waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:

— projezzjonijiet skorretti tal-ġenerazzjoni tal-iskart. Jekk l-ammont reali ta' skart iġġenerat *per capita* jaqbeż il-projezzjonijiet, ir-rekwiżiti tal-infrastruttura korrispondenti x'aktarx li jiġu stmati b'mod insuffiċjenti;

— ommissjoni/stima insuffiċjenti ta' ċerti ħtiġijiet tal-infrastruttura (il-***Kaxxa 4***);

— dewmien fl-implimentazzjoni ta' proġetti li suppost kellhom jitlestew meta saru l-istimi għall-pjanijiet attwali (il-***Kaxxa 4***);

— żidiet qawwija fil-kostijiet tal-kostruzzjoni, b'mod partikolari mill-2021 'il hawn, li l-pjanijiet jew l-istimi mfassla qabel dik id-*data* ma setgħux jieħdu inkunsiderazzjoni.

## Kaxxa 4

### Eżempji ta' dewmien fl-implimentazzjoni u nuqqasijiet fl-istimi tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura

**Il-Greċja:** fuq perjodu ta' 13-il sena (2011–2024), inbnew u bdew joperaw 8 biss mit-33 ċentru ppjanat għall-immaniġġjar tal-iskart, minbarra l-erba' ċentri eżistenti. Il-25 li jifdal jinsabu f'diversi stadji ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, 3 biss minn 28 faċilità għall-bijoskart miġbur separatament bdew joperaw.

**Il-Polonja**: il-pjan nazzjonali attwali għandu l-għan li jkollu kapaċità ta' inċinerazzjoni ta' mhux aktar minn 27 % tal-iskart iġġenerat sal-2034. Madankollu, din il-mira mhijiex allinjata mal-pjanijiet reġjonali (kif kienu f'nofs Ġunju 2025), fejn il-kapaċità ta' inċinerazzjoni ppjanata kkombinata tal-iskart muniċipali li mistennija tiġi ġġenerata fl-2035 tilħaq mill-inqas 49 %.

**Il-Portugall**: kull wieħed mit-23 ċentru integrat għall-immaniġġjar tal-iskart għandu miri għal diversi aspetti, inklużi l-landfills. Jekk jintlaħqu l-miri, il-Portugall se jkun qed iqiegħed 26 % tal-iskart muniċipali mħallat tiegħu f'landfill sal-2030. Il-pjan attwali jimmira għal sehem ta' 14 %. Ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali li ltqajna magħhom esprimew dubji dwar l-ilħuq ta' 26 %, wisq inqas 14 %. Għalhekk x'aktarx li tkun meħtieġa aktar kapaċità. Skont studju mill-korpi inkarigati bl-immaniġġjar tal-iskart tal-pajjiż, sa nofs l-2024 il-Portugall kontinentali kellu biss kapaċità suffiċjenti tal-landfills għal 4 snin u nofs oħra. B'rispons għal din l-urġenza, ġie adottat pjan ta' azzjoni f'Marzu 2025.

**Ir-Rumanija:** il-pjan kellu l-għan li jagħmel iċ-ċentri integrati kollha għall-immaniġġjar tal-iskart operazzjonali sal-2019. Madankollu, id-dewmien kompla, kif jidher ċar mill-kampjun tagħna ta' proġetti (il-***Kaxxa 6*** u l-***Figura 11***).

**73** L-ammonti ta' investiment għal żewġ Stati Membri ġew ippreżentati fil-pjanijiet nazzjonali bħala ċifri aggregati, u ma ġewx ikkategorizzati skont it-tip ta' investiment jew diżaggregati skont il-proġett individwali.

**74** Barra minn hekk, l-ebda wieħed mill-erba' pjanijiet nazzjonali ma indika ammonti skont is-sors ta' finanzjament, kemm jekk pubbliku (tal-UE, nazzjonali, lokali) kif ukoll jekk privat. F'xi Stati Membri, il-pjanijiet fil-livell reġjonali jew lokali pprovdew aktar informazzjoni dwar is-sorsi ta' finanzjament, iżda lanqas ma kienu neċessarjament kompluti. Sakemm tali informazzjoni (jiġifieri dwar min se jipprovdi liema finanzjament u meta) ma tiġix aggregata fil-livell nazzjonali, ma hemm l-ebda aċċertament li l-pjanijiet jistgħu fil-fatt jiġu implimentati kif previst.

**75** It-***Tabella 3*** tiġbor fil-qosor il-problemi identifikati f'kull Stat Membru.

## Tabella 3 | Aspetti differenti tal-pjanijiet nazzjonali għall-immaniġġjar tal-iskart

| Stat Membru | Perjodu tal-pjan fis-seħħ | Projezzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart | Ħtiġijiet tal-infrastruttura: ommissjonijiet/ stimi insuffiċjenti | Ammonti ta' investiment | Sorsi ta' finanzjament |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Greċja | 2020–2030 | Stmata b'mod insuffiċjenti b'madwar 10 % | Ċentri ta' tiswija, punti għar-riċiklaġġ tal-iskart | Stmati b'mod insuffiċjenti<br>Ammont aggregat biss, mhux ikkategorizzat skont il-proġett jew it-tip ta' investiment | Is-sorsi ssemmew, iżda l-ammonti għal kull sors ma ġewx iddivulgati |
| Il-Polonja | 2023–2028 | Allinjati mal-bidla reali | Infrastruttura għall-inċinerazzjoni | Stmati b'mod insuffiċjenti għall-inċinerazzjoni<br>Ammonti pprovduti skont it-tip ta' investiment | Is-sorsi ssemmew, iżda l-ammonti għal kull sors ma ġewx iddivulgati |
| Il-Portugall | 2023–2030 | Allinjati mal-bidla reali | Infrastruttura għall-inċinerazzjoni, għal-landfills u għall-ġbir tal-iskart separatament fil-livell lokali | Stmati b'mod insuffiċjenti<br>Ammonti aggregati skont ir-reġjun u tliet oqsma ta' investiment (bijoskart, trattament tal-karti u tal-kartun, trattament tal-plastik u tal-metall) | L-ebda informazzjoni dwar is-sorsi |
| Ir-Rumanija | 2018–2025 | Stmati b'mod insuffiċjenti | Il-ħtiġijiet ma jqisux il-miri l-ġodda tad-Direttiva dwar l-Iskart tal-2018 | Stmati b'mod insuffiċjenti<br>Ammonti pprovduti skont il-kontea, it-tip ta' żona ta' investiment u l-10 sottoattivitajiet | Is-sorsi ssemmew, iżda l-ammonti għal kull sors ma ġewx iddivulgati |

76 Il-finanzjament mill-UE (l-aktar taħt il-politika ta' koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza) huwa sors ewlieni ta' finanzjament għall-Istati Membri fil-kampjun tagħna (l-***Anness I*** (il-***Figura 8***)). Għalhekk ivvalutajna kemm l-Istati Membri użaw il-finanzjament disponibbli. Għall-politika ta' koeżjoni, ivvalutajna wkoll jekk ingħatatx prijorità lil-livelli inferjuri tal-ġerarkija tal-iskart (jiġifieri l-investimenti fil-landfills, fil-faċilitajiet tal-inċinerazzjoni u tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku) jew lil-livelli superjuri (jiġifieri l-prevenzjoni, il-preparazzjoni għal użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ)).

77 Qabbilna l-allokazzjonijiet ta' finanzjament għall-iskart muniċipali bejn il-perjodi 2014–2020 u 2021–2027 għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni:

— fil-livell tal-UE, is-sehem ta' finanzjament allokat għal proġetti għal-livelli superjuri tal-ġerarkija tal-iskart żdied minn 59 % għal 80 %;

— għal tlieta mill-erba' Stati Membri, hemm bidla notevoli mil-livelli inferjuri għal dawk superjuri tal-ġerarkija tal-iskart. B'kuntrast ma' dan, għall-perjodu 2021–2027 il-Greċja tagħti prijorità lil proġetti li huma rilevanti għal-livelli aktar baxxi, iżda jenħtieġ li dawn iċ-ċifri jiġu interpretati b'kawtela. Għalkemm il-Greċja biħsiebha tinvesti fi proġetti integrati li jinkludu kemm komponenti tal-livelli inferjuri kif ukoll superjuri, hija rrappurtat tali proġetti prinċipalment bħala investimenti f'livelli inferjuri. Għal aktar dettalji, ara l-***Anness VI***.

78 F'termini ta' assorbiment tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni fil-perjodu 2014–2020 (l-***Anness VI*** (it-***Tabella 2***)), sibna li:

— fil-livell tal-UE, 91 % tal-fondi disponibbli kienu ntużaw fi tmiem l-2023, li hija d-data finali tal-eliġibbiltà għan-nefqa;

— tnejn mill-erba' Stati Membri ma użawx bis-sħiħ il-fondi disponibbli (il-Greċja użat 76 % u r-Rumanija 57 %). Kieku l-Greċja ma kinitx naqqset in-nefqa inizjalment ippjanata fuq l-iskart b'madwar 30 %, ir-rata ta' assorbiment kienet tkun saħansitra aktar baxxa.

79 Taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tnejn mill-erba' Stati Membri (il-Portugall u r-Rumanija) allokaw finanzjament għal investimenti fi proġetti ta' infrastruttura tal-iskart[40] fir-rigward tal-iskart domestiku, kummerċjali u industrijali. Sa Settembru 2025, l-ebda Stat Membru ma kien talab żborżi mill-Kummissjoni biex jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri relatati ma' dawn l-investimenti. Id-data ta' skadenza finali biex isiru talbiet ta' dan it-tip hija tmiem Settembru 2026.

[40] Ir-Regolament (UE) 2021/241, l-Anness VI, il-kodiċijiet ta' intervent 042, 044 u 044bis.

## Minkejja li sar progress fil-ġbir separat, dan għadu f'livell baxx ħafna fi tlieta mill-erba' Stati Membri inklużi fil-kampjun

80 Is-separazzjoni tal-iskart hija prerekwiżit għal riċiklaġġ ta' kwalità għolja. Ir-rekwiżiti tal-UE jidhru fil-*Figura 9*.

### Figura 9 | Ġbir separat – Rekwiżiti tal-UE




*Sors:* il-QEA, abbażi tad-Direttiva dwar l-Iskart, id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u d-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills.

81 Il-ġbir separat jirrikjedi sistemi u infrastruttura ta' ġbir li jkunu organizzati sew. L-iskart jista' jinġabar mill-unitajiet domestiċi billi jiġu pprovduti l-kontenituri meħtieġa ("bieb bieb") u/jew f'punti ta' riċiklaġġ u faċilitajiet għall-iskart goff; dan huwa aktar diffiċli biex jiġi organizzat f'żoni b'popolazzjoni densa. Is-separazzjoni preċiża tiddependi fuq il-kooperazzjoni taċ-ċittadini, filwaqt li tenfasizza l-importanza ta' kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni. Għalhekk, il-ġbir separat jiswa l-flus. Dan jenfasizza l-importanza tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur (il-paragrafu ***47***).

82 Ir-rapporti ta' twissija bikrija speċifiċi għall-pajjiż tal-2023 għal kważi t-18-il Stat Membru kollha f'riskju li ma jilħqux il-mira tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali tal-2025 irrakkomandaw li l-ġbir separat jenħtieġ li jittejjeb. Għall-erba' Stati Membri li awditjajna, ir-rapporti ta' twissija bikrija tal-2018 kienu diġà enfasizzaw l-ineffettività tal-ġbir separat. Billi s-sitwazzjoni ma kinitx tjiebet biżżejjed, ir-rapporti tal-2023 irrakkomandaw aktar titjib (il-***Figura 8***).

83 F'termini ta' **kampanji ta' sensibilizzazzjoni**, sibna li l-erba' pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart fis-seħħ (it-***Tabella 3***) jinkludu miżuri li għandhom jittieħdu fil-livelli nazzjonali u lokali. Il-Polonja kienet diġà implimentat kampanja nazzjonali matul is-snin 2019–2021, jiġifieri qabel ma daħal fis-seħħ il-pjan attwali. Dan ma kienx il-każ għall-Greċja u l-Portugall. Fir-Rumanija, ir-responsabbiltà għal kampanji ta' dan it-tip hija l-aktar f'idejn l-operaturi taċ-ċentri integrati għall-immaniġġjar tal-iskart, iżda mhux kollha organizzawhom. Abbażi taż-żjarat li wettaqna lill-proġetti, sibna li xi muniċipalitajiet jew reġjuni organizzaw kampanji lokali.

84 F'termini ta' **progress fl-organizzazzjoni tal-ġbir separat**, is-sitwazzjoni tvarja skont l-Istat Membru. Xi Stati Membri għamlu progress aktar minn oħrajn, iżda l-livelli fl-2022 u l-2023 kienu għadhom baxxi ħafna fi tlieta mill-Istati Membri. Sibna li r-raġunijiet għal din is-sitwazzjoni jinkludu restrizzjonijiet finanzjarji, kapaċità amministrattiva dgħajfa, u żieda fl-iskart *per capita*. It-***Tabella 4*** tipprovdi sommarju tas-sitwazzjoni fl-erba' Stati Membri kkonċernati, ibbażat fuq l-analiżi li wettaqna.

## Tabella 4 | Sitwazzjoni rigward il-ġbir separat

| Stat Membru | Obbligatorji bil-liġi | Liema kategoriji jinġabru separatament u kif | Progress |
|---|---|---|---|
| **Il-Greċja** | o Bijoskart sa tmiem l-2022<br>o Tessuti minn Jannar 2024<br>o Erba' kategoriji (karti, metall, plastik, ħġieġ) mill-2015 'il hawn | Kontenitur wieħed (karti, metall, plastik, ħġieġ) kif ukoll wieħed għall-iskart imħallat. | Progress bil-mod.<br>L-awtoritajiet Griegi jistennew żieda fil-ġbir separat minn **18 %** tal-iskart muniċipali totali fl-2022 għal 55 % fl-2030. |
| **Il-Polonja** | o Tessuti minn Jannar 2025<br>o Erba' kategoriji (karti, ħġieġ, bijoskart, metalli/ plastik/ skart mill-imballaġġ magħmul minn materjali multipli) minn Lulju 2017 | Erba' kontenituri (karti, ħġieġ, bijoskart, metall/plastik/materjal multiplu) kif ukoll kontenitur wieħed għall-iskart imħallat. | Żieda kostanti fil-ġbir separat mill-2014 sal-2023, li laħqet il-**41 %** tal-iskart muniċipali totali fl-2023.<br>Il-pjan nazzjonali attwali jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar kapaċità biex il-bijoskart miġbur jiġi ttrattat separatament. |
| **Il-Portugall** | o Bijoskart sa tmiem l-2023<br>o Tessuti minn Jannar 2025<br>o Erba' kategoriji (karti/kartun, ħġieġ, plastik, metall) mill-1997 'il hawn | Tliet kontenituri (plastik/metall, ħġieġ, karti/kartun) kif ukoll kontenitur wieħed għall-iskart imħallat. | Żieda kostanti fil-ġbir separat mill-2017 sal-2023, li laħqet l-**24 %** tal-iskart muniċipali totali fl-2023.<br>Il-pjan attwali għall-immaniġġjar tal-iskart jinkludi aktar investimenti fl-infrastruttura għall-ġbir separat. Madankollu, il-pjan jiddikjara b'mod ċar li ma hemmx biżżejjed kapaċità biex jiġu ttrattati l-flussi differenti ta' skart. |

| Stat Membru | Obbligatorji bil-liġi | Liema kategoriji jinġabru separatament u kif | Progress |
|---|---|---|---|
| **Ir-Rumanija** | o Bijoskart sa tmiem l-2023<br>o Tessuti sa tmiem l-2023<br>o Kategoriji oħra mill-2012 'il hawn | Erba' kategoriji (karti, metall, plastik, ħġieġ) u skart imħallat.<br>Skont il-kontea:<br>o Żewġ konteninturi: wieħed għall-iskart imħallat u wieħed għall-kategoriji l-oħra<br>o Tliet konteninturi: ħġieġ, metall/ plastik/karti u skart residwu<br>o Erba' konteninturi: ħġieġ, plastik/ metall, karti, u skart residwu. | Progress bil-mod.<br>Il-ġbir separat ilu obbligatorju mill-2012, iżda beda biss f'Lulju 2019.<br>Dan laħaq il-**15 %** tal-iskart muniċipali totali fl-2022.<br>Il-pjan ta' implimentazzjoni fi tmiem l-2023, b'appoġġ għat-talba biex tiġi posposta d-data ta' skadenza għall-ilħuq tal-mira tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali (il-paragrafu ***58***), irrikonoxxa n-nuqqas tal-awtoritajiet lokali li jistipulaw il-kundizzjonijiet it-tajba għall-ġbir separat. |

*Nota:* din it-tabella ma tinkludix informazzjoni dwar il-kategoriji li ġejjin: batteriji u tagħmir elettroniku. Għat-tessuti, it-tabella ma tinkludix informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tar-rekwiżit (il-kolonna 3).

**85** Il-bijoskart, l-akbar kategorija ta' skart muniċipali (madwar 37 %), għadu ma jinġabarx separatament fi tlieta mill-erba' Stati Membri (il-Greċja, il-Portugall u r-Rumanija), bl-eċċezzjoni ta' xi muniċipalitajiet f'kull waħda minnhom. Il-ġbir separat tal-bijoskart inaqqas il-livell ta' kontaminazzjoni ta' materjali riċiklabbli oħra (bħall-karti jew il-plastik), u b'hekk iwassal għal riċiklabbli ta' kwalità ogħla. Bi tqabbil ma' dan, fir-reġjun ta' Flanders (il-Belġju) il-ġbir separat tal-bijoskart (li jikkonsisti fi skart tal-frott, tal-ħxejjex u tal-ġonna) ikopri madwar 70 % tal-popolazzjoni. Il-ġbir separat tal-iskart tal-ġonna waħdu jkopri l-popolazzjoni kollha[41]. Il-ġbir separat tal-bijoskart kien diġà nbeda fl-1990 u żdied gradwalment. Dan ikkontribwixxa biex tintlaħaq ir-rata kumplessiva ta' 70 %. Fattur kontribwenti ieħor huwa l-grad tal-kompostjar domestiku: 42 % tal-unitajiet domestiċi jagħmlu dan. Skont l-aġenzija pubblika tal-iskart tar-reġjun, il-ġbir separat tal-bijoskart jenħtieġ li jsir obbligatorju sa Jannar 2026 għall-bqija tal-muniċipalitajiet li għadhom mhumiex koperti.

[41] Data mill-aġenzija pubblika tal-iskart tal-Flanders, OVAM.

## L-Istati Membri inklużi fil-kampjun għamlu progress limitat bl-istrumenti ekonomiċi

**86** Ir-rapporti ta' twissija bikrija speċifiċi għall-pajjiż tal-2023, għal kważi t-18-il Stat Membru kollha f'riskju li ma jilħqux il-mira tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali tal-2025, irrakkomandaw li l-istrumenti ekonomiċi (il-***Figura 6***) jenħtieġ li jittejbu jew jiġu implimentati. Skont rapport tal-2023[42] mill-EEA, taxxa fuq il-landfills kienet applikabbli fl-Istati Membri kollha ħlief f'ħamsa, filwaqt li taxxa fuq l-inċinerazzjoni kienet applikabbli biss f'disa' Stati Membri. Barra minn hekk, ikkonkluda li tmien Stati Membri biss kellhom sistema ta' "ħallas skont kemm tarmi" li kienet tkopri perċentwal għoli tal-popolazzjoni.

**87** Għall-erba' Stati Membri li awditjajna, ir-rapporti ta' twissija bikrija tal-2018 kienu diġà enfasizzaw li l-inċentivi ekonomiċi ma kinux biżżejjed u/jew li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ma kinux effettivi. Għalhekk, ivvalutajna jekk (i) il-prinċipji ambjentali sottostanti, bħall-irkupru sħiħ tal-kostijiet u s-sistema ta' "ħallas skont kemm tarmi", ġewx applikati b'mod xieraq; (ii) kienx hemm żieda fit-taxxa fuq il-landfills; (iii) l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur koprewx il-kost sħiħ tal-immaniġġjar tal-iskart; u (iv) l-iskemi ta' rifużjoni tad-depożitu sarux operazzjonali.

### Prinċipji li fuqhom huma bbażati l-politiki ambjentali u tal-immaniġġjar tal-iskart tal-UE

**88** Il-politika ambjentali tal-UE hija bbażata fuq il-prinċipju li min iniġġes għandu jħallas[43]. It-tariffi tal-iskart ibbażati fuq il-**prinċipju tal-irkupru sħiħ tal-kostijiet** huma mod kif jiġi applikat il-"prinċipju ta' min iniġġes iħallas". Dan ifisser li t-tariffi tal-iskart jenħtieġ li:

— jiġu kkalkulati abbażi tal-kost tal-bini tal-infrastruttura meħtieġa (kost kapitali), il-kostijiet operatorji (jiġifieri tas-servizzi pprovduti, bħall-ġbir, it-trattament u r-rimi tal-iskart), u l-kostijiet amministrattivi għall-immaniġġjar taċ-ċiklu tal-iskart. Jenħtieġ li l-kost kapitali jirrifletti l-ammont sħiħ, inkluż il-proporzjon tal-investiment iffinanzjat minn għotjiet, biex tiġi ffaċilitata s-sostituzzjoni fit-tul mingħajr il-ħtieġa ta' dipendenza fuq għotjiet ulterjuri;

— jitħallsu mill-produtturi tal-iskart bħall-konsumaturi finali, jiġifieri l-unitajiet domestiċi jew iċ-ċittadini (iż-żewġ termini jintużaw b'mod interkambjabbli f'dan ir-rapport).

---

[42] Briefing 29/2022.

[43] It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 191(2), u d-Direttiva dwar l-Iskart, l-Artikolu 14.

89 Barra minn hekk, biex jiġi applikat bis-sħiħ il-"prinċipju ta' min iniġġes iħallas", it-tariffa tal-iskart jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-piż jew il-volum tal-iskart iġġenerat. Fi kliem ieħor, jenħtieġ li t-tariffa tikkonforma mal-**prinċipju ta' "ħallas skont kemm tarmi"**. Dan l-approċċ iħeġġeġ ukoll lill-produtturi tal-iskart biex jimminimizzaw l-iskart tagħhom, f'konformità mal-objettivi ġenerali tal-politika tal-UE dwar l-iskart (ara l-eżempju fil-*Kaxxa 5*). Madankollu, ta' min jinnota li kostijiet eċċessivament għoljin jaf jirriżultaw fi prattiki ta' rimi illegali tal-iskart.

### Kaxxa 5

#### Il-Portugall – eżempju tal-impatt pożittiv tal-introduzzjoni tal-prinċipju ta' "ħallas skont kemm tarmi"

F'muniċipalità waħda, fl-2021 ġiet introdotta sistema ta' "ħallas skont kemm tarmi". Fl-2025 din ġiet applikata gradwalment biex tkopri l-popolazzjoni kollha kemm hi. Għalhekk:

— is-sehem ta' skart imħallat niżel minn 72 % għal 67 % fl-2023;

— il-ġbir fix-xahar ta' skart imħallat sar inqas frekwenti: sa tmiem l-2023, 40 % tal-unitajiet domestiċi kienu jirrikjedu li l-iskart imħallat jinġabar tlieta jew erba' darbiet fix-xahar meta mqabbla ma' 70 % f'Mejju 2021, filwaqt li 42 % tal-utenti għażlu li l-iskart jinġabar darba jew darbtejn fix-xahar meta mqabbla ma' 28 % fl-2021.

90 Il-partijiet ikkonċernati prinċipali fiċ-ċiklu tal-iskart muniċipali huma s-sid tal-infrastruttura, l-operatur tal-infrastruttura, il-kolletturi tal-iskart u l-muniċipalità. L-istruttura tvarja skont l-Istat Membru: f'xi pajjiżi, pereżempju, l-infrastruttura jaf tkun proprjetà tal-istess entità u operata minnha. Barra minn hekk, xi pajjiżi għandhom entitajiet intermuniċipali li jiġbru flimkien il-muniċipalitajiet f'reġjun speċifiku. Il-flussi finanzjarji bejn il-partijiet ikkonċernati jvarjaw ukoll skont l-istruttura magħżula. F'termini sempliċi, iċ-ċittadini (jew l-unitajiet domestiċi) iħallsu tariffa, filwaqt li l-operaturi jew is-sidien tal-infrastruttura jirċievu "tariffa għad-dħul" għat-trattament tal-iskart, għat-tqegħid tiegħu f'landfill u/jew għall-inċinerazzjoni tiegħu. L-erba' Stati Membri kollha jimponu wkoll taxxa fuq il-landfills. Jenħtieġ li t-tariffa tirrifletti l-kostijiet imġarrba mid-diversi partijiet ikkonċernati (il-paragrafu *88*).

91 Il-*Figura 10* turi l-istruttura għall-Greċja f'forma simplifikata. L-*Anness VII* jipprovdi illustrazzjonijiet għat-tliet Stati Membri l-oħra li awditjajna.

## Figura 10 | Il-Greċja – partijiet ikkonċernati prinċipali u flussi finanzjarji għall-immaniġġjar tal-iskart muniċipali




*Nota:* għal raġunijiet ta' sempliċità, il-figura ma turix kategoriji oħra ta' utenti, jiġifieri organizzazzjonijiet u negozji mingħajr skop ta' qligħ, li mhux biss jiġġeneraw skart muniċipali iżda jridu wkoll iħallsu tariffa.

*Sors:* il-QEA.

**92** Għall-erba' Stati Membri li awditjajna, abbażi tal-kampjun tagħna ta' proġetti, ivvalutajna jekk:

— il-kostijiet kollha kinux riflessi fit-tariffa applikata. Evalwajna wkoll l-effettività tas-sistema tariffarja billi qisna l-frekwenza tal-aġġornamenti tat-tariffi biex jaqblu mal-kostijiet li qed jevolvu u l-livell tal-fatturi tal-iskart mhux imħallsa. Tariffa hija effettiva biss jekk tiġi aġġornata regolarment biex tirrifletti l-kostijiet li qed jinbidlu u jekk fil-fatt titħallasx;

— iċ-ċittadini kellhom iħallsu permezz tal-prinċipju ta' "ħallas skont kemm tarmi".

93 Fir-rigward tal-prinċipju tal-irkupru sħiħ tal-kostijiet, sibna li għaż-żoni li eżaminajna (tliet kontej fir-Rumanija u muniċipalità waħda għal kull proġett għat-tliet Stati Membri l-oħra), il-prinċipju ġie applikat biss parzjalment. Dan huwa prinċipalment dovut għall-fatturi li ġejjin (ara t-*Tabella 5* għad-dettalji):

— il-kostijiet mhumiex kompletament inklużi fit-tariffa, minkejja li d-dritt nazzjonali fl-erba' Stati Membri kollha jirrikjedi l-irkupru sħiħ tal-kostijiet;

— id-deċiżjonijiet dwar it-tariffi ma jiġux aġġornati regolarment mill-awtoritajiet lokali. Fl-erba' Stati Membri kollha, id-dritt nazzjonali jagħti lill-awtoritajiet lokali d-diskrezzjoni li jaġġustaw il-livell tariffarju, jiġifieri li jżiduh, inaqqsuh jew iżommuh. Id-deċiżjonijiet dwar it-tariffi mill-awtoritajiet lokali spiss jinvolvu diversi kunsiderazzjonijiet, inklużi dawk politiċi;

— xi fatturi/tariffi għadhom mhux imħallsa miċ-ċittadini.

## Tabella 5 | Il-prinċipju tal-irkupru sħiħ tal-kostijiet – is-sitwazzjoni skont l-Istat Membru

| Stat Membru | Applikazzjoni parzjali tal-prinċipju tal-irkupru sħiħ tal-kostijiet: raġunijiet prinċipali |
|---|---|
| **Il-Greċja** | o Il-kost tal-investiment mhuwiex meqjus bis-sħiħ fit-tariffa, iżda huwa nett minn kwalunkwe għotja riċevuta.<br>o It-taxxa fuq il-landfills (imħallsa mill-2023 'il hawn) mhijiex riflessa fit-tariffa.<br>o Tliet muniċipalitajiet minn erbgħa wrew telf għal ċerti snin bejn l-2022 u l-2024, jiġifieri l-introjtu mit-tariffi ma kienx biżżejjed biex ikopri l-kostijiet kollha.<br>o Minkejja t-telf, dawn it-tliet muniċipalitajiet ma żidux it-tariffi b'riżultat ta' dan.<br>o Il-livell tal-fatturi mhux imħallsa (2024) varja minn 1.4 % sa 11 %. |
| **Il-Polonja** | o Il-kost tal-investiment mhuwiex meqjus bis-sħiħ fit-tariffa, iżda huwa nett minn kwalunkwe għotja riċevuta.<br>o Tliet muniċipalitajiet minn erbgħa wrew telf f'sena waħda jew aktar bejn l-2021 u l-2023, jiġifieri l-introjtu mit-tariffi ma kienx biżżejjed biex ikopri l-kostijiet kollha.<br>L-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar Pollakk wasal għal konklużjoni simili għal kampjun ta' 13-il muniċipalità f'rapport maħruġ f'Mejju 2025.<br>o Minkejja t-telf, waħda mit-tliet muniċipalitajiet ma żiditx it-tariffa wara l-2021.<br>o Il-livell tat-tariffi mhux imħallsa għall-immaniġġjar tal-iskart (2023) varja minn 1.7 % sa 6.5 %. |

| Stat Membru | Applikazzjoni parzjali tal-prinċipju tal-irkupru sħiħ tal-kostijiet: raġunijiet prinċipali |
|---|---|
| **Il-Portugall** | o Il-kost tal-investiment mhuwiex meqjus bis-sħiħ fit-tariffa, iżda huwa nett minn kwalunkwe għotja riċevuta.<br>o Fl-2022 u l-2023, l-irkupru medju tal-kostijiet fil-Portugall kollu kemm hu kien ta' 70 %, u 68 %, rispettivament.<br>o Minkejja t-telf, waħda mill-muniċipalitajiet il-kbar ma kinitx żiedet it-tariffa mill-2015 'il hawn.<br>o Il-livell tal-fatturi mhux imħallsa (2023) varja minn 0.2 % sa 4 %. |
| **Ir-Rumanija** | Ara l-paragrafu ***94***. |

**94** Differenza ewlenija fl-istruttura tal-immaniġġjar tal-iskart tar-Rumanija meta mqabbla mat-tliet pajjiżi l-oħra hija kif jiġu ttrattati r-riskji marbuta mal-kostijiet. Fir-Rumanija, l-operaturi tal-infrastruttura jieħdu riskji marbuta mal-kostijiet, filwaqt li dawn ir-riskji jiġġarrbu mill-awtoritajiet fil-pajjiżi l-oħra. L-implikazzjonijiet ta' dan huma kif ġej.

— Fil-Greċja, fil-Polonja u fil-Portugall, l-operaturi huma intitolati għal kopertura tal-kostijiet, flimkien ma' marġni ta' profitt, filwaqt li fir-Rumanija, it-tariffa għad-dħul għall-operaturi tiġi ddeterminata minn proċeduri ta' akkwist pubbliku. Għal tnejn mit-tliet proġetti Rumeni li eżaminajna u li kienu diġà operazzjonali, l-operaturi għamlu telf fl-ewwel snin tagħhom. F'ċirkustanzi speċifiċi, l-operaturi jistgħu jitolbu żieda fit-tariffa. It-tlieta li huma talbu għal tali żieda, u kollha kemm huma ngħataw mill-inqas waħda.

— L-operaturi tal-infrastruttura jridu jħallsu wkoll royalties għall-użu tal-infrastruttura, li bejn wieħed u ieħor huma ekwivalenti għall-ammont ta' deprezzament annwali. Madankollu, il-kuntratti kienu għal 10 snin jew inqas, u għalhekk inqas mill-ħajja tax-xogħol mistennija tal-infrastruttura. Dan ifisser li l-awtoritajiet jistgħu jirkupraw biss il-kost sħiħ tal-investiment jekk dawn il-kuntratti jkunu jistgħu jiġu estiżi jew ikunu jistgħu jiġu ffirmati kuntratti ġodda.

— Il-kumpaniji responsabbli mill-ġbir tal-iskart huma meħtieġa li jidħlu f'kuntratti maċ-ċittadini (unitajiet domestiċi) u jiġbru l-ammont tat-tariffi, ħlief fi ftit muniċipalitajiet li għażlu li jimponu taxxa fuq iċ-ċittadini tagħhom. Il-livell ta' kuntrattar varja minn 60 % għal 100 %. Minkejja dan, hemm obbligu legali li jinġabar l-iskart miċ-ċittadini kollha. Il-livell tal-fatturi mhux imħallsa (2024) varja minn 0.2 % sa 40 %.

95 Sibna li l-prinċipju ta' "ħallas skont kemm tarmi" huwa legalment impost fl-erba' Stati Membri kollha, iżda l-Polonja teżenta l-proprjetajiet residenzjali (jiġifieri l-unitajiet domestiċi). Fil-Portugall, il-liġi tirrikjedi implimentazzjoni sal-2030 għall-unitajiet domestiċi u sal-2025 għal utenti oħra, bħan-negozji.

96 Għall-unitajiet domestiċi, sibna li sal-2024, il-prinċipju ta' "ħallas skont kemm tarmi" – li jirrikjedi li l-fatturazzjoni tkun ibbażata fuq il-piż jew il-volum tal-iskart iġġenerat – fil-biċċa l-kbira kien għadu ma ġiex applikat fl-erba' Stati Membri li awditjajna, kif miġbur fil-qosor fit-*Tabella 6*.

### Tabella 6 | Il-prinċipju ta' "ħallas skont kemm tarmi" – is-sitwazzjoni skont l-Istat Membru

| Stat Membru | Applikazzjoni parzjali tal-prinċipju ta' "ħallas skont kemm tarmi": raġunijiet prinċipali |
|---|---|
| **Il-Greċja** | Bażi għall-fatturazzjoni: $m^2$ (jiġifieri t-tariffa mmultiplikata bl-erja tas-superfiċe ($m^2$) tal-proprjetà). |
| **Il-Polonja** | o Proprjetajiet residenzjali – bażi għall-fatturazzjoni: $m^2$ jew konsum tal-ilma jew *per capita* jew għal kull unità domestika.<br>o Proprjetajiet mhux residenzjali – bażi għall-fatturazzjoni: skont il-volum, f'dawk il-muniċipalitajiet li għalihom kellna l-informazzjoni.<br>o Proprjetajiet parzjalment residenzjali – bażi għall-fatturazzjoni: kombinament tat-tnejn preċedenti, f'dawk il-muniċipalitajiet li għalihom kellna informazzjoni. |
| **Il-Portugall** | Bażi għall-fatturazzjoni:<br>o Komponent fiss (marbut mal-għadd ta' djar fil-muniċipalità).<br>o Komponent varjabbli bbażat fuq il-konsum tal-ilma.<br>Madankollu, 5 % tal-muniċipalitajiet fil-Portugall diġà japplikaw il-prinċipju ta' "ħallas skont kemm tarmi". |
| **Ir-Rumanija** | Bażi għall-fatturazzjoni: differenti għat-tliet kontej ikkonċernati.<br>o Żewġ kontej japplikaw tariffa għal kull persuna.<br>o Kontea waħda tapplika parzjalment il-prinċipju ta' "ħallas skont kemm tarmi" (bażi: volum tal-kontenitur), iżda għadu ma japplikax għall-persuni li jgħixu fi blokok ta' appartamenti.<br>o Mhux applikat mill-għadd żgħir ta' muniċipalitajiet li għażlu li jimponu taxxa minflok japplikaw tariffi. |

## Strumenti ekonomiċi oħra

97 Fir-rigward tat-taxxa fuq il-landfills, ir-rapporti ta' twissija bikrija tal-2023 għall-Greċja, il-Portugall u r-Rumanija rrakkomandaw li din tiżdied. Fit-tlieta li huma, it-taxxa żdiedet gradwalment, iżda għadha taħt il-medja tal-UE[44] (li tvarja bejn EUR 39 u EUR 46 għal kull tunnellata, fl-2023). Bi tqabbil ma' dan, l-EEA tiddikjara li l-Belġju għandu waħda mill-ogħla rati tat-taxxa fl-UE u li din, flimkien mal-projbizzjonijiet fuq il-landfills, wasslet biex l-iskart minflok jintrema jiġi riċiklat. Varjazzjonijiet kbar fl-ammont tat-taxxa jistgħu jirriżultaw fit-trasferiment tal-iskart bejn il-pajjiżi għal raġunijiet ekonomiċi. It-*Tabella 7* tipprovdi sommarju tas-sitwazzjoni fl-erba' Stati Membri, ibbażat fuq l-analiżi li wettaqna.

### Tabella 7 | Taxxa fuq il-landfills u l-inċinerazzjoni

| Stat Membru | Obbligatorji bil-liġi | Minn | Żidiet fit-taxxa |
|---|---|---|---|
| **Taxxa fuq il-landfills** | | | |
| **Il-Greċja** | IVA | 2012<br>Iżda applikata biss mill-2022 'il hawn | It-taxxa hija mistennija li tiżdied gradwalment b'EUR 5 għal kull tunnellata, minn EUR 20 fl-2022 għal EUR 35 fl-2025. Mill-2026, it-taxxa se tvarja minn EUR 35 sa EUR 45 għal kull tunnellata, skont l-għadd ta' ċentri tal-immaniġġjar tal-iskart li joperaw f'kull reġjun. Regoli speċifiċi japplikaw għal reġjuni fejn għad ma hemmx ċentri ta' dan it-tip.<br>Billi l-infrastruttura għat-trattament tal-iskart hija limitata, aktar minn nofs il-muniċipalitajiet Griegi (164) ikkontestaw il-liġi bħala antikostituzzjonali fil-Kunsill tal-Istat. Il-muniċipalitajiet għandhom l-għan li jżommu parti mit-taxxa u jinvestuha f'infrastruttura tal-iskart fir-reġjun tagħhom. Is-sentenza finali kienet għadha pendenti f'Mejju 2025. |
| **Il-Polonja** | IVA | 2001 | Fuq perjodu ta' 24 sena (2001–2025), it-taxxa għal kull tunnellata żdiedet b'madwar 1 500 %, biex laħqet 418 zloty għal kull tunnellata (madwar EUR 97 għal kull tunnellata). |
| **Il-Portugall** | IVA | 2006 | Fuq perjodu ta' 10 snin (2015–2025), it-taxxa żdiedet b'536 % biex laħqet EUR 35 għal kull tunnellata. |

[44] Briefing 29/2022.

| Stat Membru | Obbligatorji bil-liġi | Minn | Żidiet fit-taxxa |
| --- | --- | --- | --- |
| **Ir-Rumanija** | IVA | 2019 | Mill-2023 sal-2024, it-taxxa għal kull tunnellata żdiedet b'100 % biex laħqet 160 lei (madwar EUR 32 għal kull tunnellata).<br><br>Skont l-awtoritajiet nazzjonali, għalkemm l-importazzjoni tal-iskart biex jintrema f'landfill hija pprojbita, it-taxxa baxxa fuq il-landfills tar-Rumanija tikkontribwixxi għall-problema ta' trasferimenti illegali ta' skart minn pajjiżi oħra. |
| **Taxxa fuq l-inċinerazzjoni** | | | |
| **Il-Greċja** | Mhux disponibbli | -- | Il-Greċja ma għandha l-ebda faċilità ta' inċinerazzjoni. |
| **Il-Polonja** | LE | -- | Il-Polonja ma għandhiex l-intenzjoni li tintroduċi taxxa fuq l-inċinerazzjoni minkejja r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fir-rapport ta' twissija bikrija tal-2023. |
| **Il-Portugall** | IVA | 2006 | It-taxxa żdiedet diversi drabi matul dawn l-aħħar 10 snin. |
| **Ir-Rumanija** | Mhux disponibbli | -- | Ir-Rumanija ma għandha l-ebda faċilità ta' inċinerazzjoni. |

**98** Kemm ir-rapporti ta' twissija bikrija speċifiċi għall-pajjiż tal-2023 kif ukoll tal-2018 għall-Polonja u l-Portugall irrakkomandaw ukoll l-implimentazzjoni jew it-tisħiħ tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. Ir-rapport tal-2018 għar-Rumanija rrakkomanda wkoll l-estensjoni tal-iskemi.

**99** Skemi bħal dawn jeżistu sa ċertu punt fl-erba' Stati Membri kollha, kif jidher fit-*Tabella 8*. Skont l-iskemi, il-produtturi jenħtieġ li jkopru l-kost sħiħ tal-immaniġġjar tal-iskart, mill-ġbir separat sas-separazzjoni, it-trattament u r-rimi. Madankollu, fil-Polonja u fil-Portugall, fejn l-iskemi huma diġà operazzjonali, it-tariffi mħallsa mill-produtturi bħalissa mhumiex biżżejjed biex ikopru dawn il-kostijiet kollha.

### Tabella 8 | Skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur

| Stat Membru | Kummenti |
|---|---|
| **Il-Greċja** | Minħabba dewmien fl-implimentazzjoni, l-iskemi għadhom mhumiex kompletament operazzjonali għall-flussi kollha ta' skart, kif mitluba li jkunu skont il-liġi nazzjonali. |
| **Il-Polonja** | Fl-2023, il-Kummissjoni bdiet proċedimenti ta' ksur kontra l-Polonja, fost affarijiet oħra, għat-traspożizzjoni inkompleta/skorretta tad-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur.<br><br>Għalkemm tassew jeżistu xi skemi, it-tariffi mħallsa mhumiex biżżejjed biex ikopru l-kostijiet tal-immaniġġjar tal-iskart. |
| **Il-Portugall** | Jeżistu skemi, iżda minkejja żieda fl-2024, it-tariffi mħallsa mill-produtturi ma jkoprux bis-sħiħ l-kostijiet tal-immaniġġjar tal-iskart. Il-Portugall żied il-prezzijiet b'effett minn Jannar 2025. L-effetti ta' din iż-żieda f'termini ta' kopertura tal-kostijiet għad iridu jidhru. |
| **Ir-Rumanija** | Jeżistu skemi u l-kuntratti li rajna għal tliet kontej jiddikjaraw li t-tariffi jenħtieġ li jkopru l-kostijiet reali. Ma vvalutajniex l-implimentazzjoni ta' dawn il-kuntratti. |

100 Fir-rigward tal-iskemi ta' rifużjoni tad-depożitu, ir-rapporti ta' twissija bikrija speċifiċi għall-pajjiż tal-2023 għall-Polonja u l-Portugall u r-rapporti tal-2018 għall-Portugall u r-Rumanija rrakkomandaw l-introduzzjoni tagħhom. Fir-Rumanija, sistema bħal din ilha stabbilita minn tmiem l-2023, filwaqt li fit-tliet Stati Membri l-oħra, skemi bħal dawn huma mistennija li jibdew fl-2025 (il-Polonja) jew fl-2026 (il-Greċja u l-Portugall).

## Il-biċċa l-kbira mill-proġetti li inkludejna fil-kampjun kellhom dewmien u xi wħud esperjenzaw problemi marbuta mal-kostijiet u mal-kapaċità

101 Għall-kampjun tagħna ta' 16-il proġett (l-***Anness I*** (il-***Figura 10***)), ivvalutajna jekk dawn ġewx implimentati tajjeb f'termini ta' żmien u ta' kost, u jekk kellhomx kapaċità ta' trattament xierqa. Fil-każ ta' proġetti tal-landfills, ivvalutajna jekk l-operaturi għamlux dispożizzjonijiet biex ikopru l-kostijiet tal-għeluq u tal-kura ta' wara meħtieġa mid-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills.

102 Il-biċċa l-kbira mill-proġetti (13 minn 16) esperjenzaw dewmien ta' aktar minn 18-il xahar wara d-data tat-tlestija inizjali. Għall-proġetti kollha minbarra erbgħa li eżaminajna, iż-żidiet fil-kostijiet baqgħu taħt l-20 % meta mqabbla mal-kost inizjalment approvat, jew saħansitra naqsu (il-*Figura 11*).

### Figura 11 | Dettalji tad-dewmien u ż-żidiet fil-kostijiet

*13 minn 16-il proġett raw dewmien sinifikanti*



Id-dewmien jikkonċerna proġett wieħed fil-Polonja, u l-proġetti kollha li eżaminajna fil-Portugall, fir-Rumanija u fil-Greċja. Id-dewmien fl-implimentazzjoni varja minn 3 xhur sa 6 snin, u ammonta għal medja ta' 3 snin għal kull proġett. Dawn huma spjegati l-aktar minn waħda jew aktar milli ġejjin: dewmien fil-proċeduri tal-akkwist, kwistjonijiet tekniċi jew avvenimenti mhux previsti, il-pandemija tal-COVID-19, immaniġġjar ħażin tal-proġetti (eż. dewmien fit-tlestija tat-triq ta' aċċess għall-faċilità) u kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat.

*Ħames proġetti żammew iż-żidiet fil-kostijiet taħt l-20 % u seba' proġetti swew inqas milli kien ippjanat inizjalment*



Għall-erba' proġetti b'żidiet ta' aktar minn 20 %, dawn iż-żidiet kienu marbuta mal-eżiti tal-proċeduri ta' akkwist, l-estensjoni tal-ambitu tal-proġett u xogħlijiet addizzjonali biex jiġu indirizzati avvenimenti mhux previsti.

*Sors:* il-QEA.

103 Id-dewmien jista' jkollu impatt fuq l-effettività, kif jidher mill-proġetti Rumeni fil-*Kaxxa 6*. Barra minn hekk, kwalunkwe dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti jirriskja li jdewwem il-progress fir-rigward tal-miri stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni (il-*Figura 2* u l-*Figura 3*).

## Kaxxa 6

### L-impatt tad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti – erba’ proġetti fir-Rumanija

— L-applikazzjonijiet inizjali għall-proġetti għall-erba’ proġetti li eżaminajna kienu ġew ippreżentati bejn l-2010 u l-2012, jiġifieri aktar minn 10 snin qabel ma ġew iffinalizzati (tliet proġetti) jew saru operazzjonali (proġett wieħed). Ix-xogħlijiet twettqu kif ippjanat inizjalment, jiġifieri b’disinn li kien jirrifletti t-teknoloġija tat-trattament tal-iskart disponibbli dak iż-żmien. Pereżempju, it-trattament mekkaniku kien fil-biċċa l-kbira manwali, bi ftit proċessi awtomatiċi biss. Dan irriżulta f’rati baxxi ta’ rkupru tal-materjali.

— Il-proċeduri mdewma għall-għażla tal-operaturi tal-infrastruttura ħallew il-faċilitajiet u t-tagħmir mhux użat għal snin sħaħ, li jfisser li dawn iddeterjoraw (tliet proġetti). Għar-raba’ proġett, li kien għadu mhux operazzjonali, il-benefiċjarju ffirma kuntratt ta’ manutenzjoni biex jipprevieni d-deterjorament.

— Dewmien fi proġett wieħed wassal għall-għeluq ta’ landfills mhux konformi, minkejja li landfill ġdida li kienet tabilħaqq konformi mad-Direttiva dwar ir-rimi ta’ skart f’Landfills kienet għadha mhix lesta. Biex jimmaniġġjaw l-iskart, l-awtoritajiet lokali fetħu landfill temporanja li ntużat sal-2020. F’Mejju 2024, 300 tunnellata ta’ skart muniċipali mhux ittrattat kienu għadhom fis-sit temporanju, kif wieħed jista’ jara fir-ritratt ta’ hawn taħt.



*Sors:* il-QEA (ritratt meħud f’Mejju 2024).

104 Minn 16-il proġett, 2 kienu għadhom ma bdewx joperaw fi tmiem l-2024, minkejja li x-xogħlijiet għat-tnejn li huma kienu diġà ilhom li tlestew diversi snin qabel. F'każ minnhom, l-iskart ma kienx qed jinġabar qabel ma nxtraw vetturi għall-ġbir tal-iskart, filwaqt li fil-każ l-ieħor, il-kuntratt mal-operatur futur kien għadu ma ġiex iffirmat. Proġett ieħor kien operazzjonali biss parzjalment: l-infrastruttura tat-trattament kienet qed tintuża, iżda kuntratt għall-ġbir u t-trasport tal-iskart f'waħda mill-erba' żoni tal-proġett kien għadu ma ġiex iffirmat.

105 F'termini ta' kapaċità, stajna nanalizzaw 10 minn 16-il proġett billi 2 kienu għadhom mhux operazzjonali, 2 oħra kienu bdew joperaw biss ftit qabel iż-żjara tagħna, u 2 oħra kienu ta' tip fejn il-kapaċità ma kinitx rilevanti. Sibna li:

- tliet proġetti operaw sinifikattivament taħt il-kapaċità ddikjarata tagħhom (li tvarja minn 38 % sa 54 %), mill-inqas għal ċertu perjodu ta' żmien. Ir-raġunijiet għal dan kienu problemi tekniċi, jew volumi aktar baxxi milli mistenni ta' skart miġbur separatament li għandu jiġi ttrattat;
- żewġ proġetti ma kellhomx kapaċità suffiċjenti, minħabba li l-kwantità ta' skart li kellu jiġi ttrattat ġiet stmata b'mod insuffiċjenti. Pereżempju, f'każ wieħed, il-ġbir separat żdied sinifikattivament b'riżultat ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni.

106 L-impatt potenzjali fuq l-ambjent tal-operat ta' siti ta' landfills mhuwiex limitat għall-perjodu operazzjonali tal-infrastruttura, billi l-infiltrazzjonijiet ta' lissija potenzjali u l-emissjonijiet ta' gass mil-landfill ikomplu għal għexieren ta' snin wara li r-rimi tal-iskart ikun intemm. Għal din ir-raġuni, id-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills tirrikjedi li jitwarrbu ammonti biex ikopru l-kostijiet tal-għeluq u tal-kura ta' wara għal perjodu ta' mill-inqas 30 sena. Dan jista', pereżempju, jieħu l-forma ta' garanzija finanzjarja.

107 Sibna li l-liġijiet nazzjonali fl-erba' Stati Membri kollha jirrikjedu tali provvedimenti, u f'każ wieħed (il-Portugall) l-ammont huwa speċifikat ukoll. Għat-tmien proġetti fil-kampjun tagħna li kienu jinkludu investimenti għal sit ta' landfill, sibna li l-provvedimenti kienu suffiċjenti f'ħames każijiet meta mqabbla mal-ammonti stabbiliti fi studju ddedikat (it-*Tabella 9*).

## Tabella 9 | Provvedimenti għall-għeluq u l-kura ta' wara tas-siti ta' landfills

| Stat Membru | Rekwiżit fil-liġi nazzjonali | Bażi biex jiġi stabbilit l-ammont (skont il-liġi) | Il-provvedimenti fil-kontijiet finanzjarji huma biżżejjed? |
|---|---|---|---|
| **Il-Greċja** | IVA | Studju | Biżżejjed f'żewġ proġetti minn erbgħa. |
| **Il-Polonja** | IVA | Mhux indikat, iżda hemm obbligu legali li l-ammont jenħtieġ li jkun biżżejjed biex ikopri l-kostijiet | Ma hemm l-ebda investiment fil-landfills inkluż fil-kampjun tagħna. |
| **Il-Portugall** | IVA | 20 % tal-investiment totali fil-landfills | Ma hemm l-ebda investiment fil-landfills inkluż fil-kampjun tagħna. |
| **Ir-Rumanija** | IVA | Studju | Biżżejjed fi tliet proġetti minn erbgħa. |

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sra Annemie Turtelboom, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-15 ta' Ottubru 2025.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Tony Murphy

*Il-President*

# Annessi

## Anness I – Dwar l-awditu

### Spjegazzjoni tal-iskart muniċipali

**01** L-iskart muniċipali jirreferi għall-iskart li jinġabar mill-awtoritajiet muniċipali jew f'isimhom u li jiġi pproċessat u li jintrema permezz ta' sistemi ta' mmaniġġjar tal-iskart[1]. Dan jinkludi kemm skart imħallat kif ukoll skart miġbur separatament (bħall-ħġieġ jew il-karti) li joriġina minn unitajiet domestiċi, kif ukoll skart minn sorsi oħra bħal uffiċċji, ħwienet u istituzzjonijiet pubbliċi, dment li l-iskart ikollu karatteristiċi u kompożizzjoni simili għal dak miġbur mill-unitajiet domestiċi[2].

**02** Fl-2023, l-iskart muniċipali fl-UE laħaq il-511 kg *per capita* iżda s-sitwazzjoni tvarja sinifikattivament skont l-Istat Membru u tvarja minn madwar 800 kg għal madwar 300 kg *per capita*, kif jidher fil-***Figura 1***. Fatturi li jispjegaw id-differenzi huma pereżempju l-ġid ekonomiku u l-grad ta' urbanizzazzjoni b'dipendenza akbar fuq prodotti ppakkjati u ta' konvenjenza.

[1] L-Eurostat, Glossary – Municipal waste.

[2] Id-Direttiva 2008/98/KE, l-Artikolu 3(2b).

## Figura 1 | Skart muniċipali ġġenerat fl-2023 (f'kg/*capita*)




*a: Data tal-2022; b: Data tal-2021; c: Data tal-2020*

*Sors:* il-QEA, abbażi tas-sett tad-*data* env_wasmun tal-Eurostat, estratt fit-2 ta' Ottubru 2025.

**03** It-trattament tal-iskart jinkludi operazzjonijiet bħall-kompostjar tal-bijoskart, ir-riċiklaġġ, l-inċinerazzjoni u r-rimi f'landfills. Il-proċess tal-immaniġġjar tal-iskart jidher fil-*Figura 2*.

## Figura 2 | Il-proċess tal-immaniġġjar tal-iskart




*Sors:* il-QEA.

**04** Fl-2008, id-dritt tal-UE adotta piramida ta' ġerarkija tal-iskart f'ħames livelli fejn tingħata prijorità lill-prevenzjoni tal-iskart u r-rimi f'landfills huwa l-inqas għażla ppreferuta (il-*Figura 3*).

## Figura 3 | Il-ġerarkija tal-iskart




*Sors:* il-QEA, abbażi tad-Direttiva dwar l-Iskart.

**05** Il-*Figura 4* turi s-sehem tad-diversi metodi ta' trattament skont l-Istat Membru. Hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri, b'xi wħud jużaw ir-rimi f'landfills għal aktar minn 70 % tal-iskart u oħrajn jinċineraw aktar minn 50 %.

## Figura 4 | Skart muniċipali *per capita* u metodi ta' trattament (2023, f'kg)




*a: Data tal-2022; b: Data tal-2021; c: Data tal-2020*

*Sors:* il-QEA, abbażi tas-sett tad-*data* env_wasmun tal-Eurostat, estratt fit-2 ta' Ottubru 2025.

**06** Il-*Figura 5* turi s-sehem bejn il-livelli inferjuri u superjuri tal-ġerarkija tal-iskart. Dawk minn ta' quddiem fir-riċiklaġġ u l-kompostjar (aktar minn 60 % tal-iskart muniċipali) huma s-Slovenja, il-Ġermanja u l-Awstrija.

## Figura 5 | Sehem ta' skart ittrattat fil-livelli inferjuri u superjuri tal-ġerarkija tal-iskart (2023, f'%)




*Sors:* il-QEA, abbażi tas-sett tad-*data* env_wasmun tal-Eurostat, estratt fit-2 ta' Ottubru 2025.

## Qafas regolatorju tal-UE

07 Il-qafas tal-UE għall-immaniġġjar tal-iskart ġie stabbilit fl-1975 mid-Direttiva dwar l-Iskart, abbażi tal-Artikoli 100 u 235 tat-Trattat ta’ Ruma. Minn dak iż-żmien ’il hawn, l-atti legali kienu qed iħeġġu lill-Istati Membri biex jipprevienu, jirriċiklaw u jipproċessaw l-iskart bl-għan li jiġu rkuprati l-materjali u l-enerġija, u jiġu implimentati proċessi għall-użu mill-ġdid tal-iskart.

08 Sal-lum, il-leġiżlazzjoni prinċipali tal-UE rilevanti għall-iskart muniċipali (il-***Figura 6***) tinkludi tliet direttivi, li kollha kemm huma ġew emendati diversi drabi: id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (“id-Direttiva dwar l-Iskart”), id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ (“id-Direttiva dwar l-Imballaġġ”) u d-Direttiva dwar ir-rimi ta’ skart f’Landfills. Fl-2025, id-Direttiva dwar l-Imballaġġ tħassret bir-Regolament dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ (“ir-Regolament dwar l-Imballaġġ”), filwaqt li ġiet adottata emenda ulterjuri tad-Direttiva dwar l-Iskart.

## Figura 6 | Atti legali

### Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart

*Id-Direttiva 2008/98/KE, kif emendata fl-2014, fl-2015, fl-2017 fl-2018 u fl-2025*

Tistabbilixxi miżuri għall-protezzjoni tal-ambjent u s-saħħa tal-bniedem permezz tal-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-impatti negattivi tal-ġenerazzjoni u l-immaniġġjar tal-iskart.
Introduċiet il-ġerarkija tal-iskart.
Tistabbilixxi miri li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri.

### Id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ

*Id-Direttiva 94/62/KE, kif emendata fl-2003, fl-2004, fl-2005, fl-2009, fl-2013, fl-2015 u fl-2018*

Tistabbilixxi miżuri li għandhom l-għan primarju li jipprevienu l-produzzjoni tal-iskart mill-imballaġġ u, bħala prinċipji fundamentali addizzjonali, l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ, ir-riċiklaġġ u forom oħra tal-irkupru tal-iskart mill-imballaġġ, li l-għan tagħhom huwa li jitnaqqas ir-rimi finali ta' dan l-iskart sabiex ikun hemm kontribut għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari.
Tistabbilixxi miri li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri.

### Ir-Regolament dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ

*Ir-Regolament (UE) 2025/40, li jħassar id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ*

Jistabbilixxi rekwiżiti għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-imballaġġ fir-rigward tas-sostenibbiltà ambjentali u t-tikkettar, li jippermetti t-tqegħid tiegħu fis-suq. Jistabbilixxi wkoll rekwiżiti għar-responsabbiltà estiża tal-produttur u l-prevenzjoni tal-iskart mill-imballaġġ, bħat-tnaqqis ta' imballaġġ mhux meħtieġ u l-użu mill-ġdid jew il-mili mill-ġdid tal-imballaġġ, kif ukoll il-ġbir u t-trattament — inkluż ir-riċiklaġġ — tal-iskart mill-imballaġġ.
Tistabbilixxi miri li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri.

### Id-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills

*Id-Direttiva 1999/31/KE kif emendata fl-2018*

Għandha l-għan li tara li żgur ikun hemm tnaqqis progressiv fl-użu tal-landfills, b'mod partikolari għal skart li huwa adatt għar-riċiklaġġ jew irkupru ieħor. Barra minn hekk, permezz ta' rekwiżiti operattivi u tekniċi stretti għall-iskart u għal-landfills, tipprevedi miżuri, proċeduri u gwida biex tipprevjeni jew tnaqqas l-effetti negattivi fuq l-ambjent, b'mod partikolari t-tniġġis tal-ilma tal-wiċċ, tal-ilma ta' taħt l-art, tal-ħamrija u tal-arja, u l-effetti fuq l-ambjent globali, inkluż l-effett serra, kif ukoll kwalunkwe riskju li jirriżulta għas-saħħa tal-bniedem, mill-iskart li jitqiegħed f'landfill, matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-landfill.
Tistabbilixxi miri li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri.

*Sors:* il-QEA.

## Rwoli u responsabbiltajiet

09 Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri huma elenkati fil-*Figura 7*.

### Figura 7 | Rwoli u responsabbiltajiet



**Il-Kummissjoni**

Id-Direttorat Ġenerali (DĠ) ENV huwa responsabbli għall-politika dwar l-ambjent, li tinkludi l-iskart. Id-DĠ REGIO huwa responsabbli għall-politika ta' koeżjoni li fil-qafas tagħha jingħata finanzjament sinifikanti lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' proġetti marbuta mal-iskart. Id-DĠ ECFIN u l-SG RECOVER (task force taħt is-Segretarjat Ġenerali) huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) hija aġenzija tal-Unjoni Ewropea u tipprovdi għarfien dwar l-istat tal-ambjent Ewropew, inkluż l-iskart. Din toħroġ rapporti u data, pereżempju dwar il-progress tal-Istati Membri lejn l-ilħuq tal-miri tal-iskart.



**Stati Membri**

- Jiddeċiedu dwar il-politika nazzjonali dwar l-iskart muniċipali. L-implimentazzjoni tal-politika dwar l-immaniġġjar tal-iskart (inklużi l-ġbir, it-trattament u r-rimi tal-iskart) tiġi ġeneralment iddelegata lill-awtoritajiet reġjonali u/jew dawk lokali (jiġifieri l-muniċipalitajiet).
- Jippreparaw pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart u programmi għall-prevenzjoni tal-iskart.
- Jiddeċiedu dwar il-livell ta' appoġġ pubbliku tagħhom.
- Jimplimentaw xi wħud mill-fondi tal-UE (bħal dawk fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni).

*Sors:* il-QEA.

## Is-sorsi prinċipali ta' finanzjament mill-UE

10 Is-sorsi prinċipali ta' finanzjament mill-UE għall-proġetti tal-iskart muniċipali huma l-fondi implimentati taħt il-politika ta' koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (il-*Figura 8*). Dawn huma mmaniġġjati minn direttorati ġenerali (DĠ) differenti tal-Kummissjoni, u jinvolvu modi differenti ta' ġestjoni.

## Figura 8 | Programmi ta' finanzjament tal-UE – investimenti fl-immaniġġjar tal-iskart muniċipali

allokati · minfuqa

| Programmi ta' finanzjament | Fondi tal-UE (*f'miljun EUR*) | Perjodu | Direttorati Ġenerali |
|---|---|---|---|
| **ĠESTJONI KONDIVIŻA** | | | |
| *Fondi fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni* | | | |
| Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali | 2 209 (allokati) | 2021 - 2027 | DĠ REGIO |
| Fond ta' Koeżjoni | 1 481 (allokati) | 2021 - 2027 | DĠ REGIO |
| Fond għal Tranżizzjoni Ġusta | 30 (allokati) | 2021 - 2027 | DĠ REGIO |

115-il programm fi 19-il Stat Membru u fil-qafas tal-kooperazzjoni interreġjonali

*L-ogħla allokazzjonijiet għal proġetti relatati mal-iskart: il-Greċja (EUR 719-il miljun), l-Italja (EUR 426 miljun), il-Polonja (EUR 372 miljun), il-Portugall (EUR 345 miljun)*

| Programmi ta' finanzjament | Fondi tal-UE (*f'miljun EUR*) | Perjodu | Direttorati Ġenerali |
|---|---|---|---|
| *Fondi fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni* | | | |
| Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali | 607 (minfuqa) | 2014 - 2020 | DĠ REGIO |
| Fond ta' Koeżjoni | 2 636 (minfuqa) | 2014 - 2020 | DĠ REGIO |

77 programm fi 18-il Stat Membru u fil-qafas ta' kooperazzjoni interreġjonali

*L-ogħla nfiq għal proġetti relatati mal-iskart: il-Polonja (EUR 587 miljun), il-Greċja (EUR 378 miljun), iċ-Ċekja (EUR 335 miljun), il-Portugall (EUR 324 miljun)*

| Programmi ta' finanzjament | Fondi tal-UE (*f'miljun EUR*) | Perjodu | Direttorati Ġenerali |
|---|---|---|---|
| **ĠESTJONI DIRETTA** | | | |
| Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza | *Total:* 9 883 (allokati) | 2020 - 2026 | SĠ RECOVER<br>DĠ ECFIN |

*li minnhom:*

*Spanja:* 4 950 · *L-Italja:* 2 110 · *Ir-Rumanija:* 1 114 · *Il-Greċja:* 801

B'kollox, fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, 11-il Stat Membru ppjanaw investimenti u 14 ippjanaw riformi rigward l-immaniġġjar tal-iskart, inkluż l-iskart domestiku, kummerċjali u industrijali (kodiċijiet ta' intervent 042, 044 u 044bis). Madankollu, investimenti simili għandhom mnejn jiġu rrappurtati wkoll taħt kodiċijiet oħra.

- *Kostijiet għall-investimenti: Spanja (EUR 4 950 miljun), l-Italja (EUR 2 110 miljun), ir-Rumanija (EUR 1 114-il miljun), il-Greċja (EUR 801 miljun), l-Awstrija (EUR 300 miljun), Franza (EUR 245 miljun), il-Kroazja (EUR 189 miljun), il-Belġju (EUR 80 miljun), l-Ungerija (EUR 60 miljun), il-Portugall (EUR 30 miljun) u Ċipru (EUR 3 miljun).*
- *Riformi mingħajr kostijiet stmati: iċ-Ċekja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Rumanija u l-Finlandja.*

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-Pjattaforma ta' *data* miftuħa dwar il-koeżjoni (aġġornament tal-5 ta' April 2024 għall-perjodu 2014–2020 u aġġornament tal-10 ta' April 2025 għall-perjodu 2021–2027), u l-bażijiet ta' *data* tal-Kummissjoni għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

11 Dan ir-rapport jivvaluta l-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri biex jintlaħqu l-objettivi tal-UE għall-iskart muniċipali. Għal dan il-fini, ivvalutajna kemm:

— l-inizjattivi legali u l-infurzar imwettqa mill-Kummissjoni kienu adatti għall-iskop tagħhom;

— l-erba' Stati Membri li inkludejna fil-kampjun għamlu progress tajjeb fl-ilħuq tal-miri u l-objettivi tal-UE għall-iskart;

— il-proġetti kofinanzjati mill-fondi tal-UE ġew implimentati tajjeb f'termini ta' żmien, kost u kapaċità.

12 L-awditu li wettaqna kopra l-iskart muniċipali kif irregolat mid-Direttiva dwar l-Iskart, id-Direttiva dwar l-Imballaġġ, id-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills u r-Regolament dwar l-Imballaġġ. Ma analizzajniex flussi ta' skart muniċipali li għalihom ma hemm l-ebda mira (eż. skart goff) jew flussi ta' skart irregolati minn atti legali oħra (eż. tagħmir elettriku u elettroniku u vetturi li ma għadhomx jintużaw). Barra minn hekk, eskludejna ż-żewġ aspetti li ġejjin mill-ambitu tagħna: (i) l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-iskart; u (ii) l-affidabbiltà tad-*data* dwar l-iskart irrappurtata lill-Eurostat. L-awditu li wettaqna kopra l-perjodu mill-2014 sa tmiem l-2024.

13 Analizzajna evidenza minn firxa ta' sorsi, kif elenkati fil-*Figura 9*.

## Figura 9 | Sorsi ta' evidenza

### Dokumenti



Dokumenti ta' politika tal-UE dwar l-iskart, il-qafas regolatorju, dokumentazzjoni nazzjonali dwar l-iskart, u rapporti u studji ppubblikati mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), korpi ta' riċerka, assoċjazzjonijiet u akkademiċi.

### *Data*



Data minn sorsi differenti, prinċipalment mill-Kummissjoni, l-Eurostat, l-EEA, il-Pjattaforma tad-Data Miftuħa dwar il-Koeżjoni, u l-awtoritajiet nazzjonali. Pereżempju, l-istatistika tal-iskart irrappurtata mill-Istati Membri jew id-*data* dwar il-proġetti.

### Żjarat tal-awditjar f'erba' Stati Membri



Għal kampjun ta' erba' Stati Membri (il-Greċja, il-Polonja, il-Portugall u r-Rumanija) eżaminajna: il-pjanijiet nazzjonali għall-immaniġġjar tal-iskart, id-dokumenti leġiżlattivi u ta' politika, l-appoġġ għall-finanzjament, il-pjanijiet ta' implimentazzjoni, eċċ.

*Għażilna b'mod ġudizzjarju Stati Membri mill-popolazzjoni ta' dawk li kienu f'riskju li ma jilħqux il-miri tal-UE għall-iskart muniċipali u mill-imballaġġ. L-għażla tagħna kienet ibbażata fuq il-materjalità u l-kopertura ġeografika. L-infiq ta' dawn l-erba' Stati Membri jirrappreżenta 47 % tal-infiq totali fuq proġetti tal-iskart fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni fil-perjodu 2014 - 2020.*

### 16-il proġett



Għal kampjun ta' 16-il proġett (fl-istess erba' Stati Membri), eżaminajna applikazzjonijiet għal proġetti, approvazzjonijiet ta' għotjiet, rapporti ta' tlestija dwar il-bini ta' faċilitajiet, permessi, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, u l-materjal kollu meħtieġ biex jiġi stabbilit il-livell ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas fil-muniċipalitajiet inklużi fil-kampjun.

*Għażilna b'mod ġudizzjarju proġetti kofinanzjati fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni matul il-perjodu 2014 - 2020 fl-erba' Stati Membri. Għażilna proġetti mill-popolazzjoni ta' proġetti li għalihom konna rċevejna informazzjoni li tikkonferma li dawn kienu operazzjonali. Inkludejna biss proġetti li kienu rċevew finanzjament mill-UE ta' aktar minn EUR 1 000 000.*

### Intervisti



Intervisti ma' persunal mid-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni, u l-EEA, u rappreżentanti mill-ministeri, l-aġenziji nazzjonali tal-iskart, il-benefiċjarji tal-finanzjament mill-UE, u l-awtoritajiet reġjonali u lokali.
Laqgħat ta' informazzjoni mal-awtoritajiet f'żewġ Stati Membri (il-Belġju u l-Italja).
Intervisti ma' assoċjazzjonijiet attivi fl-iskart fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

*Sors:* il-QEA.

**14** Il-*Figura 10* turi l-post tal-proġetti eżaminati u t-tip ta' investiment.

## Figura 10 | Post u tip ta' proġetti eżaminati




*Nota:* iċ-ċentri integrati għall-immaniġġjar tal-iskart jinkludu landfills, faċilitajiet ta' separazzjoni, faċilitajiet ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku, u faċilitajiet ta' kompostjar.

*Sors:* il-QEA.

15 Dan ir-rapport huwa parti minn sensiela ta' pubblikazzjonijiet li ħriġna dwar aspetti varji tal-iskart u ċ-ċirkolarità. Dawn jinkludu r-Rapport Speċjali 16/2024 dwar id-dħul il-ġdid tal-UE bbażat fuq l-iskart mhux riċiklat mill-imballaġġ tal-plastik, ir-Rapport Speċjali 17/2023 dwar l-ekonomija ċirkolari, ir-Rapport Analitiku 2/2023 dwar l-iskart perikoluż, u r-Rapport Analitiku 4/2020 dwar l-iskart tal-plastik.

16 Iddeċidejna li nwettqu dan l-awditu biex nipprovdu għarfien siewi li jista' jikkontribwixxi għar-reviżjoni li jmiss ta' ċerti miri min-naħa tal-Kummissjoni. Skont id-direttivi (id-Direttiva dwar l-Iskart, id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u d-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills) u r-Regolament dwar l-Imballaġġ, dawn ir-rieżamijiet huma mistennija fl-2024, fl-2028 u fl-2032, skont il-miri. Ix-xogħol ta' rieżami tal-Kummissjoni mistenni fl-2024 (il-mira tal-landfills) kien għadu għaddej fiż-żmien meta ġie abbozzat dan ir-rapport.

# Anness II – Il-progress tal-Istati Membri lejn it-tliet miri prinċipali tal-iskart muniċipali

01 Bl-użu tal-bażijiet ta' *data* tal-Eurostat, analizzajna l-progress tal-Istati Membri għat-tliet miri prinċipali tal-iskart muniċipali:

— "skart muniċipali ppreparat għal użu mill-ġdid u riċiklat", mill-2010 sal-2023 (il-***Figura 1***);

— "skart mill-imballaġġ ippreparat għal użu mill-ġdid u riċiklat", mill-2010 sal-2022 (il-***Figura 2***); u

— "rimi f'landfills bħala % tal-iskart muniċipali kollu ġġenerat", mill-2010 sal-2023 (il-***Figura 3***).

Użajna d-*data* li l-Eurostat jirċievi mir-rappurtar volontarju mwettaq mill-Istati Membri, billi dan jippermetti li naraw il-progress li sar maż-żmien. Din id-*data* tista' tkun differenti mid-*data* li l-Istati Membri jirrappurtaw f'konformità mad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni rilevanti tal-Kummissjoni relatati mar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali u tal-iskart tal-landfill, u li l-Kummissjoni tuża biex tivvaluta l-ilħuq tal-miri (l-***Anness III***).

## Figura 1 | Il-progress tal-Istati Membri lejn il-mira ta' "skart muniċipali ppreparat għal użu mill-ġdid u riċiklat", mill-2010 sal-2023




*a: Data tal-2022; b: Data tal-2021; c: Data tal-2020; d: Data tal-2011*

*Sors:* il-QEA, abbażi tas-sett tad-*data* sdg_11_60 tal-Eurostat, estratt fit-2 ta' Ottubru 2025.

## Figura 2 | Il-progress tal-Istati Membri lejn il-mira ta' "skart mill-imballaġġ riċiklat", mill-2010 sal-2022




*Sors:* il-QEA, abbażi tas-sett tad-*data* env_waspac tal-Eurostat, estratt fit-2 ta' Ottubru 2025.

## Figura 3 | Il-progress tal-Istati Membri lejn il-mira ta' "landfill, bħala % tal-iskart muniċipali kollu ġġenerat", mill-2010 sal-2023




*Sors:* il-QEA, abbażi tas-sett tad-*data* env_wasmun tal-Eurostat, estratt fit-2 ta' Ottubru 2025.

# Anness III – Kumparabbiltà tad-*data* relatata mal-iskart

01 L-Istati Membri jipprovdu *data* bbażata fuq testi legali varji tal-UE. It-testi legali rilevanti għad-*data* msemmija f'dan ir-rapport huma d-Direttiva dwar l-Iskart, id-Direttiva dwar l-Imballaġġ, id-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills u d-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni rilevanti tal-Kummissjoni[1] kif ukoll ir-Regolament dwar l-Istatistika tal-Iskart. Barra minn hekk, mis-snin tmenin, l-Istati Membri rrappurtaw b'mod volontarju *data* bbażata fuq kwestjonarju konġunt żviluppat mill-Eurostat u mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Dan jirriżulta f'settijiet tad-*data* differenti għal indikaturi bħall-iskart muniċipali ġġenerat, l-iskart muniċipali mormi f'landfills u l-iskart muniċipali riċiklat. Ir-rappurtar skont id-Direttiva dwar l-Iskart, id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u d-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills huwa mistenni 18-il xahar wara s-sena ta' referenza, filwaqt li r-rappurtar volontarju jseħħ qabel.

02 L-ewwel fattur li jaffettwa l-kumparabbiltà tar-riżultati rrappurtati tal-2020 għall-mira ta' "skart muniċipali ppreparat għal użu mill-ġdid u riċiklat" fl-Istati Membri kollha kien il-flessibbiltà li l-Istati Membri ngħataw biex jagħżlu l-**metodu ta' kalkolu**. L-Istati Membri setgħu jagħżlu bejn erba' metodi ta' kalkolu[2]:

— Metodu 1: Ir-rata ta' riċiklaġġ tal-iskart domestiku magħmul mill-karti, il-metall, il-plastik u l-ħġieġ (f'%). Numeratur: ammont riċiklat ta' skart domestiku magħmul mill-karti, il-metall, il-plastik u l-ħġieġ; denominatur: ammont iġġenerat totali għall-istess kategoriji ta' skart domestiku;

— Metodu 2: Ir-rata ta' riċiklaġġ tal-iskart domestiku u skart simili (f'%).
Numeratur: ammont riċiklat ta' karti, metall, plastik, skart tal-ħġieġ u flussi uniċi oħra ta' skart minn unitajiet domestiċi jew flussi ta' skart simili;
denominatur: l-ammont totali ġġenerat għall-istess kategoriji ta' skart domestiku jew skart simili;

---

1 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1004 għar-rata tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/665 għall-mira tal-imballaġġ u tal-iskart mill-imballaġġ u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1885 għall-mira tal-landfills.

2 Id-Deċiżjoni 2011/753/UE, l-Anness I.

— Metodu 3: Ir-rata ta' riċiklaġġ tal-iskart domestiku (f'%).
Numeratur: ammont riċiklat ta' skart domestiku;
denominatur: ammonti totali ta' skart tal-unitajiet domestiċi minbarra ċerti kategoriji ta' skart; jew

— Metodu 4: Ir-rata ta' riċiklaġġ tal-iskart muniċipali (f'%).
Numeratur: skart muniċipali riċiklat;
denominatur: skart muniċipali ġġenerat.

**03** It-tieni fattur li affettwa b'mod negattiv il-kumparabbiltà tar-rati ta' riċiklaġġ kien nuqqas ta' preċiżjoni fid-**definizzjoni tal-iskart muniċipali**. L-iskart muniċipali ġie ddefinit f'Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2011[3] bħala skart domestiku flimkien ma' skart simili. Tfaċċaw problemi relatati mal-interpretazzjoni tat-terminu "skart simili", li kellu jingħadd mal-mira. Dawn il-problemi ta' interpretazzjoni ġew rikonoxxuti fil-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni[4] li takkumpanja l-proposti tagħha tal-2014 biex jiġu emendati d-Direttiva dwar l-Iskart, id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u d-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'Landfills. Fl-2019, il-Kummissjoni[5] ċċarat it-termini.

**04** L-impatt tal-interpretazzjonijiet differenti tal-iskart muniċipali bejn l-Istati Membri huwa diffiċli li jiġi kkwantifikat iżda jista' jkun sinifikanti, kif jidher mill-eżempju tal-Belġju. Kif innutat l-EEA[6], ir-rappurtar tal-Belġju kien ibbażat biss fuq l-iskart domestiku sal-2019. Mill-2020 'il quddiem, dan jinkludi wkoll skart simili min-negozji. Dan wassal għal żieda f'daqqa ta' 76 % fl-indikatur għal "skart muniċipali ġġenerat"[7].

**05** It-tielet fattur li jaffettwa l-kumparabbiltà tad-*data* rrappurtata għall-kejl tal-konformità mal-miri tar-riċiklaġġ tal-2025 huwa l-"**punt tal-kalkolu**". Skont id-direttivi tal-2018, l-iskart jingħadd bħala riċiklat meta jidħol fl-operazzjoni tar-riċiklaġġ, u mhux meta joħroġ mill-proċess tas-separazzjoni, kif kien il-każ qabel. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jużaw eżenzjoni u xorta jibbażaw ir-rappurtar tagħhom fuq l-ammonti mwieżna fl-aħħar tal-proċess tas-separazzjoni, dment li l-iskart jiġi sussegwentement riċiklat u li jitnaqqas il-piż tal-materjali jew tas-sustanzi mneħħija mill-operazzjonijiet ta' qabel ir-riċiklaġġ.

---

[3] Id-Deċiżjoni 2011/753/UE.

[4] SWD(2014) 207, it-Taqsima 2.5.2.

[5] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1004.

[6] Waste management country profile with a focus on municipal and packaging waste – Belgium, l-EEA, Marzu 2025.

[7] L-Eurostat, abbażi tas-sett tad-data env_wasmun, data estratta fit-2 ta' April 2025.

**06** Biex jistmaw dan it-tnaqqis, l-Istati Membri jistgħu jużaw rati medji ta' telf biex jivvalutaw il-piż tal-materjali jew tas-sustanzi mneħħija wara s-separazzjoni iżda qabel ir-riċiklaġġ. Ir-rati medji ta' telf jistgħu jintużaw biss meta ma tkunx tista' tinkiseb *data* affidabbli b'mod ieħor, u jridu jiġu kkalkulati bl-użu tar-regoli li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni f'att delegat. Id-Direttiva dwar l-Iskart tal-2018 kienet tirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta att delegat dwar ir-rati medji ta' telf sal-31 ta' Marzu 2019, iżda dan l-att għadu ma ġiex adottat. Fir-Rapport Speċjali tagħna tal-2024 dwar id-dħul il-ġdid tal-UE bbażat fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat, sibna li l-prattika li jitkejjel l-ammont ta' skart li joħroġ mill-proċess ta' separazzjoni (bħal fil-maġġoranza tal-Istati Membri), flimkien man-nuqqas ta' regoli ċari tal-UE dwar ir-rati medji ta' telf, tagħmel l-istimi tal-Istati Membri tal-ammonti riċiklati inqas kumparabbli u inqas affidabbli.

**07** L-użu tal-"punt tal-kalkolu" l-ġdid inaqqas ir-rata tar-riċiklaġġ. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni li takkumpanja l-proposta tagħha għar-Regolament dwar l-Imballaġġ tistma li l-applikazzjoni tal-metodoloġija l-ġdida se tirriżulta fi tnaqqis tar-rati ta' riċiklaġġ irrappurtati ta' 5-20 %.

# Anness IV – Bażi legali tal-UE: miżuri li jindirizzaw il-ġenerazzjoni u l-ġbir separat tal-iskart

01 Diversi atti legali introduċew miżuri għall-prevenzjoni tal-iskart, għar-restrizzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart jew għat-tnaqqis tal-impatt ambjentali tiegħu. Dawn huma elenkati fit-*Tabella 1*.

### Tabella 1 | Bażi legali tal-UE: miżuri għall-prevenzjoni tal-iskart, għar-restrizzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart jew għat-tnaqqis tal-impatt ambjentali tiegħu

| Bażi legali | Miżuri |
|---|---|
| **Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' basktijiet ħfief**<br>Id-Direttiva (UE) 2015/720 | — Sa Diċembru 2018, il-basktijiet ħfief jenħtieġ li ma jibqgħux bla ħlas; u/jew<br>— Sa Diċembru 2019, mhux aktar minn 90 basket u sa Diċembru 2025 mhux aktar minn 40 basket għandhom jintużaw *per capita*. |
| **Tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent**<br>Id-Direttiva (UE) 2019/904 | — Sal-2021 projbizzjoni fuq (i) l-oġġetti tal-plastik li ġejjin: stikek tal-cotton bud magħmula mill-plastik, pożati, platti, straws, stikek li jintużaw biex iħawdu x-xorb, stikek tal-bżieżaq, (ii) prodotti magħmula minn plastik ossodegradabbli u (iii) kontenituri tal-ikel u tax-xorb magħmula minn polistiren espandut.<br>— Mill-1 ta' Lulju 2024: il-kontenituri tax-xorb sa tliet litri jrid ikollhom tappijiet imwaħħla.<br>— Sal-2026: tnaqqis fil-konsum ta' tazzi u kontenituri tal-ikel biex jinkiseb tnaqqis kwantitattiv li jista' jitkejjel meta mqabbel mal-2022. |
| **Imballaġġ u skart mill-imballaġġ**<br>Ir-Regolament (UE) 2025/40 | — L-introduzzjoni ta' miri għat-tnaqqis tal-iskart mill-imballaġġ *per capita* b'5 % sal-2030, 10 % sal-2035 u 15 % sal-2040.<br>— Minn Jannar 2030 il-projbizzjoni ta' xi formati tal-imballaġġ tal-plastik li jintużaw darba biss, bħal dawk li bħalissa jintużaw għall-frott u l-ħxejjex friski, toiletries żgħar tal-lukandi, porzjonijiet individwali ta' kondimenti (eż. zlazi, krema, zokkor).<br>Rekwiżiti għall-kontenut riċiklat fl-imballaġġ, applikabbli mill-2030:<br>— 30 % għall-imballaġġ sensittiv għall-kuntatt magħmul mill-polietilentereftalat (PET), ħlief il-fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss;<br>— 10 % għall-imballaġġ sensittiv għall-kuntatt magħmul minn materjali tal-plastik għajr il-PET, ħlief il-fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss;<br>— 30 % għall-fliexken tax-xorb tal-plastik li jintużaw darba biss;<br>— 35 % għall-imballaġġ tal-plastik l-ieħor.<br>Sal-2030: mill-inqas 10 % tax-xorb u tal-ikel take-away għandu jinbiegħ f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża.<br>Barra minn hekk, sal-2030 l-imballaġġ kollu jenħtieġ li jkun riċiklabbli. |

02 Diversi atti legali introduċew miżuri biex jippromwovu l-ġbir separat tal-iskart. Dawn jingħataw fid-dettall fit-*Tabella 2*.

### Tabella 2 | Bażi legali tal-UE: miżuri dwar il-ġbir separat

| Bażi legali | Miżuri |
| --- | --- |
| **Tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent**<br>Id-Direttiva (UE) 2019/904 | — Sal-2025: 77 % tal-fliexken tal-plastik għandhom jinġabru separatament.<br>— Sal-2029: 90 % tal-fliexken tal-plastik għandhom jinġabru separatament. |
| **Imballaġġ u skart mill-imballaġġ**<br>Ir-Regolament (UE) 2025/40 | — Sal-2029: 90 % tal-kontenituri tax-xorb tal-plastik u tal-metall li jintużaw darba biss għandhom jinġabru separatament (l-iskemi ta' rifużjoni tad-depożitu jsiru obbligatorji). |

# Anness V – Materjali riċiklabbli rkuprati u l-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom

**01** L-għan taċ-ċentri għall-immaniġġjar tal-iskart huwa li jisseparaw u jittrattaw l-iskart sabiex jitnaqqas l-ammont ta' skart li jispiċċa fil-landfills, jiddderieġu materjal ekonomikament siewi lura lejn l-ekonomija (ċirkolarità) u jnaqqsu l-kostijiet tar-rimi tal-iskart billi jbigħu l-materjal riċiklabbli.

**02** L-outputs tal-materjal riċiklabbli jvarjaw skont it-tip ta' skart.

— Għall-faċilitajiet ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku li jimmaniġġjaw l-iskart imħallat, l-outputs huma ġeneralment baxxi, inqas minn 6 % fil-kampjun tagħna (għal proġetti fejn ksibna informazzjoni). L-outputs huma mistennija jiżdiedu minħabba li, sa tmiem l-2023, kategorija importanti ta' skart muniċipali – jiġifieri l-bijoskart – trid tiġi separata u riċiklata fis-sors, jew tinġabar separatament.

— Il-faċilitajiet tas-separazzjoni għall-iskart miġbur separatament għandhom outputs ogħla, li jvarjaw minn 20 % sa 75 % fil-kampjun tagħna (għal proġetti fejn ksibna informazzjoni). Skart miġbur ta' kwalità aħjar ifisser outputs ogħla. Pereżempju, jista' jkun hemm kontaminazzjoni tal-iskart jekk l-unitajiet domestiċi ma jsegwux ir-regoli, bħar-rimi ta' skart imħallat f'kontenituri għall-karti biss.

**03** Il-prezzijiet li l-operaturi rċevew mill-bejgħ ta' materjali riċiklabbli jvarjaw skont il-materjal (għall-proġetti fejn ksibna informazzjoni).

— Għal ċerti materjali bħall-aluminju u l-polietilentereftalat (PET), l-operaturi tal-faċilitajiet irċevew prezzijiet għoljin mingħand ir-riċiklaturi (eż. aktar minn EUR 1 000 għal kull tunnellata għall-aluminju).

— Madankollu, il-prezzijiet għal materjali oħra, bħall-ħġieġ u xi drabi l-karti, kienu baxxi jew saħansitra kważi żero, u spiss kienu taħt il-medja tal-UE (ara d-*data* tal-Eurostat[1] dwar il-prezzijiet). L-Eurostat jirreferi għall-fatt li l-ħġieġ huwa materjal tqil u bi prezz baxx, fejn il-kostijiet tat-trasport jirrappreżentaw sehem konsiderevoli tal-kostijiet totali fil-kummerċ tal-iskart tal-ħġieġ.

— Barra minn hekk, l-operaturi nnutaw li l-bejgħ tal-fojl tal-plastik kien diffiċli. Ir-riċiklaturi xi drabi talbu pagament talli jeħilsuhom minnu, jew l-operaturi ħallsu lill-fabbriki tas-siment biex jużawh bħala fjuwil.

[1] L-Eurostat, Recycling – secondary material price indicator.

# Anness VI – Finanzjament tal-politika ta' koeżjoni

01 L-Istati Membri jirrappurtaw dwar l-użu tal-finanzjament ta' koeżjoni bl-użu ta' kodiċijiet ta' intervent predefiniti. Għall-immaniġġjar tal-iskart muniċipali, il-kodiċijiet applikabbli kienu jikkonċernaw il-livelli inferjuri u superjuri tal-ġerarkija tal-iskart:

— il-livelli inferjuri: għall-perjodu 2014–2020, il-kodiċi jinkludi l-landfills, l-inċinerazzjoni u t-trattament mekkaniku u bijoloġiku (kodiċi 018), u għall-perjodu 2021–2027 kien jikkonċerna t-trattament tal-iskart residwu u, eċċezzjonalment, il-landfills (kodiċijiet 068 u 183);

— il-livell superjuri: għall-perjodu 2014–2020, il-kodiċi jinkludi miżuri ta' minimizzazzjoni, separazzjoni u riċiklaġġ (kodiċi 017), u għall-perjodu 2021–2027, dan jinkludi miżuri ta' prevenzjoni, minimizzazzjoni, separazzjoni, użu mill-ġdid u riċiklaġġ (kodiċi 067).

02 L-allokazzjoni tal-finanzjament ta' koeżjoni bejn il-partijiet superjuri u inferjuri tal-ġerarkija tal-iskart għall-perjodi 2014–2020 u 2021–2027 hija deskritta fit-***Tabella 1***. Din id-*data* tinkludi l-UE kollha kemm hi u l-erba' Stati Membri li awditjajna.

### Tabella 1 | Sehem tal-finanzjament ta' koeżjoni allokat għall-livelli superjuri u inferjuri tal-ġerarkija tal-iskart (tmiem l-2023) (%)

| Stat Membru | Il-livelli inferjuri tal-ġerarkija tal-iskart | | Il-livelli superjuri tal-ġerarkija tal-iskart | |
|---|---|---|---|---|
| | 2014–2020 | 2021–2027 | 2014–2020 | 2021–2027 |
| **UE** | 40 % | 20 % | 59 % | 80 % |
| **Il-Greċja** | 79 % | 71 % | 21 % | 29 % |
| **Il-Polonja** | 63 % | 1 % | 37 % | 99 % |
| **Il-Portugall** | 46 % | 0 % | 54 % | 100 % |
| **Ir-Rumanija** | 56 % | 0 % | 44 % | 100 % |

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-Pjattaforma ta' *data* miftuħa dwar il-koeżjoni (aġġornament tal-5 ta' April 2024 għall-perjodu 2014–2020 u aġġornament tal-10 ta' April 2025 għall-perjodu 2021–2027).

03 It-*Tabella 2* tipprovdi *data* li turi l-livell ta' assorbiment tal-finanzjament ta' koeżjoni għall-perjodu 2014–2020. Għall-perjodu 2021–2027, għadha ma tistax tiġi pprovduta *data* sinifikattiva billi l-implimentazzjoni bdiet tard u bil-mod.

### Tabella 2 | Finanzjament ta' koeżjoni (perjodu 2014–2020) – assorbiment (tmiem l-2023), (*ammonti f'miljun EUR*)

| Stat Membru | Ippjanat inizjalment (1) | Ippjanat finalment (2) | Ammont minfuq (3) | Assorbiment (3)/(2) |
|---|---|---|---|---|
| **Il-livelli inferjuri tal-ġerarkija tal-iskart** | | | | |
| **UE** | 2 775 | 1 514 | 1 326 | 88 % |
| **Il-Greċja** | 593 | 317 | 299 | 94 % |
| **Il-Polonja** | 628 | 109 | 368 | 336 % |
| **Il-Portugall** | 190 | 145 | 148 | 102 % |
| **Ir-Rumanija** | 248 | 248 | 101 | 41 % |
| **Il-livelli superjuri tal-ġerarkija tal-iskart** | | | | |
| **UE** | 2 123 | 2 041 | 1 917 | 94 % |
| **Il-Greċja** | 148 | 178 | 79 | 44 % |
| **Il-Polonja** | 637 | 368 | 219 | 60 % |
| **Il-Portugall** | 123 | 165 | 176 | 107 % |
| **Ir-Rumanija** | 70 | 70 | 79 | 113 % |

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-Pjattaforma ta' *data* miftuħa dwar il-koeżjoni (aġġornament tal-5 ta' April 2024 għall-perjodu 2014–2020 u aġġornament tal-10 ta' April 2025 għall-perjodu 2021–2027).

# Anness VII – L-immaniġġjar tal-iskart: partijiet ikkonċernati prinċipali u flussi finanzjarji

Il-*Figura 1*, il-*Figura 2* u l-*Figura 3* juru l-partijiet ikkonċernati prinċipali u l-flussi finanzjarji għall-immaniġġjar tal-iskart fil-Polonja, fil-Portugall u fir-Rumanija.

## Figura 1 | Il-Polonja – partijiet ikkonċernati prinċipali u flussi finanzjarji għall-immaniġġjar tal-iskart muniċipali




*Nota:* fil-każ tal-proġetti li għażilna, il-kumpaniji li huma s-sidien tal-infrastruttura, u li joperawha, kienu kompletament proprjetà tal-muniċipalità rilevanti.

*Sors:* il-QEA.

## Figura 2 | Il-Portugall – partijiet ikkonċernati prinċipali u flussi finanzjarji għall-immaniġġjar tal-iskart muniċipali




*Sors:* il-QEA.

## Figura 3 | Ir-Rumanija – partijiet ikkonċernati prinċipali u flussi finanzjarji għall-immaniġġjar tal-iskart muniċipali




*Sors:* il-QEA.

# Abbrevjazzjonijiet

| | |
|---|---|
| **EEA** | L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent |
| **PDG** | Prodott Domestiku Gross |
| **PET** | Polietilentereftalat |

# Glossarju

| | |
|---|---|
| **Ekonomija ċirkolari** | Sistema ekonomika bbażata fuq l-użu mill-ġdid, il-kondiviżjoni, it-tiswija, ir-rinnovazzjoni, il-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' materjali sabiex jiġu minimizzati l-użu tar-riżorsi, l-iskart u l-emissjonijiet. |
| **Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza** | Il-mekkaniżmu ta' appoġġ finanzjarju tal-UE biex jiġi mmitigat l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 u jiġi stimulat l-irkupru, u jiġu ffaċċati l-isfidi ta' futur aktar ekoloġiku u diġitali. |
| **"Ħallas skont kemm tarmi"** | Il-produtturi tal-iskart iħallsu tariffa abbażi tal-ammont reali ta' skart iġġenerat, jiġifieri l-piż jew il-volum. |
| **Pjan għall-irkupru u r-reżiljenza** | Dokument li jistipula r-riformi u l-investimenti intenzjonati ta' Stat Membru fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. |
| **Preparazzjoni għal użu mill-ġdid** | Verifikar, tindif jew tiswija ta' prodotti jew komponenti li jkunu saru skart biex b'hekk ikunu jistgħu jintużaw mill-ġdid mingħajr l-ebda preproċessar ieħor. |
| **Prinċipju ta' min iniġġes iħallas** | Prinċipju li jirrikjedi li dawk li jikkawżaw, jew x'aktarx jikkawżaw, it-tniġġis jerfgħu l-kost tal-miżuri biex jipprevenuh, jikkontrollawh jew jirrimedjawh. |
| **Programm (taħt il-politika ta' koeżjoni)** | Qafas għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' koeżjoni ffinanzjati mill-UE f'konformità mal-prijoritajiet u mal-objettivi stabbiliti fi ftehim ta' sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat. |
| **Reġjun inqas żviluppat** | Reġjun tal-UE fejn il-PDG *per capita* huwa inqas minn 75 % ta' dak tal-UE kollha kemm hi. |
| **Riċiklaġġ** | Ipproċessar mill-ġdid tal-materjali tal-iskart fi prodotti, materjali jew sustanzi għall-użu oriġinali tagħhom jew għal skopijiet oħra. |
| **Rkupru** | Ipproċessar li jirriżulta fi skart li jista' jintuża biex jissostitwixxi materjali oħra, jew skart li qed jiġi ppreparat biex iservi skop partikolari, jew f'impjant tal-iskart jew fl-ekonomija usa'. |
| **Semestru Ewropew** | Ċiklu annwali li jipprovdi qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri tal-UE u għall-monitoraġġ tal-progress. |
| **Strumenti ekonomiċi** | Strumenti fiskali jew strumenti finanzjarji oħra biex jinċentivaw jew jiddiżinċentivaw ċerta mġiba, eż. taxxi fuq il-landfills jew skemi ta' rifużjoni tad-depożitu. |
| **Trattament (tal-iskart)** | Ipproċessar li jibdel il-kompożizzjoni fiżika, kimika jew bijoloġika tal-iskart qabel l-irkupru jew ir-rimi. |
| **Trattament mekkaniku u bijoloġiku** | Is-separazzjoni ta' skart imħallat segwita minn diġestjoni anaerobika jew kompostjar tal-materja bijodegradabbli li jifdal. |

# Risposti tal-Kummissjoni

https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2025-23

# Kronoloġija

https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2025-23

# Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla II tal-Awditjar – Investiment għall-koeżjoni, it-tkabbir u l-inklużjoni, li hija mmexxija minn Annemie Turtelboom, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Stef Blok, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Johan Adriaan Lok, Kap tal-Kabinett u Laurence Szwajkajzer, Attaché tal-Kabinett; Marion Colonerus, Maniġer Prinċipali; Chrysoula Latopoulou, Kap tal-Kompitu; Katarzyna Solarek, Deputat Kap tal-Kompitu; Juan Antonio Vazquez Rivera, Alfredo Ladeira, Marilena Elena Friguras u Amelia Padurariu, Awdituri. Alexandra-Elena Mazilu pprovdiet appoġġ grafiku.




*Mix-xellug għal-lemin:* Juan Antonio Vazquez Rivera, Laurence Szwajkajzer, Stef Blok, Johan Adriaan Lok, Marion Colonerus, Marilena Elena Friguras.

// DRITTIJIET TAL-AWTUR

© Unjoni Ewropea, 2025

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-Deċiżjoni Nru 6–2019 tal-QEA dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat sakemm jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandha tkun responsabbli għall-ebda konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti tal-persunal tal-QEA, jew jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb permess ta' dan it-tip, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta' kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

**Użu tal-logo tal-QEA**

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.


| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| HTML | ISBN 978-92-849-5838-2 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/1280193 | QJ-01-25-053-MT-Q |
| PDF | ISBN 978-92-849-5839-9 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/9932180 | QJ-01-25-053-MT-N |

# KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 23/2025: “L-immaniġġjar tal-iskart muniċipali: Minkejja titjib gradwali, għad hemm sfidi għall-progress tal-UE lejn iċ-ċirkolarità”, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

**L-għan tal-politika tal-UE dwar l-iskart huwa li jkun hemm tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. Għall-iskart muniċipali kkonkludejna li l-UE saħħet ir-rekwiżiti legali. Hija stabbiliet miri għall-preparazzjoni għal użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, kif ukoll biex jiġi limitat ir-rimi ta' skart f'landfills. Madankollu, ħafna Stati Membri għandhom diffikultà b'rabta ma' restrizzjonijiet finanzjarji, dgħufijiet fl-ippjanar u problema fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-immaniġġjar tal-iskart tagħhom, inkluż il-bini ta' infrastruttura ġdida. Il-ġbir separat tal-iskart fil-biċċa l-kbira għadu f'livell baxx ħafna, u t-tariffi tal-iskart li jintalbu jħallsu ċ-ċittadini ma jkoprux il-kostijiet kollha tal-immaniġġjar tal-iskart. Nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tindirizza l-isfidi fis-suq tar-riċiklaġġ (tagħmel il-prattiki tal-ekonomija ċirkolari aktar vijabbli), tuża l-għodod ta' monitoraġġ u infurzar b'mod aħjar, u tivvaluta l-fattibbiltà tal-armonizzazzjoni tat-taxxi fuq il-landfills u l-inċinerazzjoni.**

*Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.*

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Media soċjali: @EUauditors